

# Il-Ġurnal Uffiċjali

## C 342

### tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

## Informazzjoni u Avviżi

Volum 53

16 ta' Diċembru 2010

Avviż Nru

Werrej

Paġna

#### IV Informazzjoni

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZJI TAL-UNJONI EWROPEA

#### Il-Qorti tal-Awdituri

2010/C 342/01	Rapport dwar il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta ARTEMIS għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2009 flimkien mar-risposti tal-Impriża Konġunta .....	1
2010/C 342/02	Rapport dwar il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta "Clean Sky" għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2009, flimkien mar-risposti tal-Impriża Konġunta .....	7
2010/C 342/03	Rapport dwar il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta tal-Inizjattiva tal-Mediċini Innovattivi għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2009, flimkien mar-risposti tal-Impriża Konġunta .....	15
2010/C 342/04	Rapport dwar il-kontijiet annwali tal-Intrapriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2009 flimkien mar-risposti tal-Intrapriża Konġunta .....	22
2010/C 342/05	Rapport dwar il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta SESAR għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2009, flimkien mar-risposti tal-Impriża Konġunta .....	30

# MT

Prezz:  
EUR 3



## IV

*(Informazzjoni)*INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI  
TAL-UNJONI EWROPEA

## IL-QORTI TAL-AWDITURI

## RAPPORT

**dwar il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta ARTEMIS għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Dċembru 2009 flimkien mar-risposti tal-Impriża Konġunta**

(2010/C 342/01)

## WERREJ

	<i>Paragrafu</i>	<i>Paġna</i>
INTRODUZZJONI .....	1-5	2
ID-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI .....	6-15	2
KUMMENTI DWAR IL-ĠESTJONI TAL-BAĠIT U DIK FINANZJARJA .....	16-19	3
KWISTJONIJIET OĦRAJN .....	20-25	3
It-Tabella .....		4
<b>Ir-risposti tal-Impriża Konġunta .....</b>		<b>6</b>

## INTRODUZZJONI

1. L-Impriża Konġunta ARTEMIS, li tinsab fi Brussell, twaqqfet f'Diċembru 2007 <sup>(1)</sup> għal perjodu ta' 10 snin.

2. Il-membri fundaturi tal-Impriża Konġunta ARTEMIS huma l-Unjoni Ewropea rrappreżentata mill-Kummissjoni, il-Belġju, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, l-Ungerja, il-Pajjiżi l-Baxxi, l-Awstrija, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, il-Finlandja, l-Isvezja, ir-Renju Unit u l-ARTEMISIA, assoċjazzjoni li tirrappreżenta kumpaniji u organizzazzjonijiet oħra tar-riċerka li huma attivi fil-qasam tas-Sistemi Inkorporati tal-Kompjuter fl-Ewropa. Fi tmiem l-2009, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, il-Latvja u n-Norveġja kienu wkoll membri tal-Impriża Konġunta.

3. L-oġġettiv prinċipali tal-Impriża Konġunta huwa li tiddefinixxi u timplimenta "Aġenda għar-Riċerka" għall-iżvilupp ta' teknoloġiji ewlenin għas-Sistemi Inkorporati tal-Kompjuter fiż-żoni kollha differenti ta' applikazzjoni sabiex tissaħħa il-kompetittività Ewropea u s-sostenibbiltà, u tippermetti l-ħolqien ta' swieq ġodda u applikazzjonijiet fis-soċjetà (ara t-Tabella).

4. Il-kontribut massimu tal-UE lill-Impriża Konġunta ARTEMIS li jkopri l-ispejjeż operattivi u l-attivitàjiet ta' riċerka huwa ta' EUR 420 miljun li għandhom jitħallsu mill-baġit tas-Seba' Programm ta' Qafas għar-Riċerka. L-assoċjazzjoni ARTEMISIA għandha tagħmel kontribut ta' mhux aktar minn EUR 30 miljun għall-ispejjeż operattivi. L-Istati Membri fl-ARTEMIS għandhom jagħmlu kontributi *in natura* għall-ispejjeż operattivi (permezz tal-faċilitazzjoni tal-implimentazzjoni tal-proġetti), u jagħmlu kontributi finanzjarji li għandhom jammontaw għal mill-inqas 1,8 darbiet aktar mill-kontribut finanzjarju tal-UE. Kontributi *in natura* għandhom jingħataw ukoll mill-organizzazzjonijiet tar-riċerka li qegħdin jieħdu sehem fi proġetti.

5. L-Impriża Konġunta bdiet taħdem b'mod awtonomu fis-26 ta' Ottubru 2009.

### ID-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

6. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287(1), it-tieni subparagrafu tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Qorti vverifikat il-kontijiet annwali <sup>(2)</sup> tal-Aġenzija, li jikkonsistu fir-"rendikonti finanzjarji" <sup>(3)</sup> u fir-"rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit" <sup>(4)</sup> għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2009 u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet.

7. Din id-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni hija indirizzata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skont l-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 <sup>(5)</sup>.

### Ir-responsabbiltà tad-Direttur

8. Bħala uffiċjal li jawtorizza, id-Direttur jimplementa d-dħul u l-infiq tal-baġit skont ir-regoli finanzjarji tal-Impriża Konġunta <sup>(6)</sup> li taqa' taħt ir-responsabbiltà tiegħu u fi ħdan il-limiti tal-approprijazzjonijiet awtorizzati <sup>(7)</sup>. Id-Direttur huwa responsabbli mit-twaqqif <sup>(8)</sup> tal-istruttura organizzattiva u s-sistemi u l-proċeduri tal-ġestjoni u l-kontroll interni rilevanti biex jiġu ppreparati kontijiet finali <sup>(9)</sup> li huma ħielsa minn dikjarazzjoni żbaljata materjali, kemm jekk minħabba frodi jew inkella żball, u biex jiżgura li t-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawn il-kontijiet huma legali u regolari.

### Ir-responsabbiltà tal-Qorti

9. Ir-responsabbiltà tal-Qorti hija li tipprovdi, abbażi tal-verifika tagħha, dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li huma bbażati fuqhom.

10. Il-Qorti wettqet il-verifika tagħha skont l-Istandards Internazzjonali tal-Verifika u l-Kodiċi tal-Etika tal-IFAC u tal-ISSAI <sup>(10)</sup>. Dawk l-standards jitolbu li l-Qorti tikkonforma mar-rekwiżiti tal-etika u li tippjana u twettaq il-verifika biex tikseb assigurazzjoni raġonevoli dwar jekk il-kontijiet humiex ħielsa minn dikjarazzjoni żbaljata materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet ta' bażi humiex legali u regolari.

11. Il-verifika tal-Qorti tinvolvi t-tweqqif ta' proċeduri sabiex tinkiseb evidenza tal-verifika dwar l-ammonti u t-tagħrif fil-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li huma bbażati fuqhom. Il-proċeduri magħżula jiddependu fuq l-evalwazzjoni tagħha tal-verifika inkluża l-evalwazzjoni tar-riskji ta' dikjarazzjoni żbaljata materjali fil-kontijiet jew ta' tranżazzjonijiet illegali jew irregolari, kemm jekk minħabba frodi jew inkella żball. Meta tagħmel dawk l-evalwazzjonijiet tar-riskju, il-kontroll intern rilevanti għall-preparazzjoni u l-preżentazzjoni tal-kontijiet tal-entità jiġi kkunsidrat sabiex jifasslu proċeduri tal-verifika li huma xierqa fiċ-ċirkostanzi. Il-verifika tal-Qorti tinkludi wkoll evalwazzjoni tal-adeqwatezza tal-politika tal-kontabilità użata, tar-raġonevolezza tal-estimi tal-kontabilità magħmula mill-maniġment u kif ukoll evalwazzjoni tal-preżentazzjoni tal-kontijiet inġenerali.

12. Il-Qorti tqis li l-evidenza tal-verifika miksuba hija biżżejjed u xierqa biex tipprovdi bażi għall-opinjoni ta' t'hawn taħt.

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 74/2008 tal-20 ta' Diċembru 2007 dwar it-twaqqif tal-"Impriża Konġunta ARTEMIS" għall-implimentazzjoni ta' Inizjattiva Teknoloġika Konġunta f'Sistemi Inkorporati tal-Kompjuter (ĠU L 30, 4.2.2008, p. 52).

<sup>(2)</sup> Dawn il-kontijiet huma akkumpanjati minn rapport dwar il-ġestjoni tal-baġit u dik finanzjarja matul is-sena li, fost l-oħrajn, jagħti rendikont tar-rata ta' implimentazzjoni tal-approprijazzjonijiet flimkien ma' informazzjoni fil-qosor dwar it-trasferimenti ta' approprijazzjonijiet fost il-partiti varji tal-baġit.

<sup>(3)</sup> Ir-rendikonti finanzjarji jinkludu l-karta tal-bilanċ u l-kont tar-riżultat ekonomiku, ir-rendikont tal-likwidità u l-anness għar-rendikonti finanzjarji li jinkludu d-deskrizzjoni tal-politika tal-kontabilità prinċipali u informazzjoni oħra ta' spjegazzjoni.

<sup>(4)</sup> Ir-rapport tal-implimentazzjoni tal-baġit jikkonsisti fil-kont tar-riżultat tal-baġit u fl-anness tiegħu.

<sup>(5)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>(6)</sup> Ir-Regoli Finanzjarji tal-Impriża Konġunta ARTEMIS adottati mid-Deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija tagħha fit-18 ta' Diċembru 2008.

<sup>(7)</sup> L-Artikolu 25 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1653/2004 tal-21 ta' Settembru 2004 (ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72).

<sup>(8)</sup> L-Artikolu 38 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2343/2002.

<sup>(9)</sup> Ir-regoli dwar il-preżentazzjoni tal-kontijiet u tal-kontabilità mill-Aġenzija huma stabbiliti fil-Kapitolu 1 tat-Titolu VI tar-Regolament (KE) Nru 2343/2002 kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 652/2008 tad-9 ta' Lulju 2008 (ĠU L 181, 10.07.2008, p. 23) u huma fil-fatt inkorporati fir-Regoli Finanzjarji tal-Impriża Konġunta ARTEMIS.

<sup>(10)</sup> Il-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti (IFAC) u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Verifika (ISSAI).

**L-opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet**

13. Fl-opinjoni tal-Qorti, il-Kontijiet Annwali tal-Impriża Konġunta ARTEMIS jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2009 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha u tal-likwidità tagħha għas-sena li ntemmet, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tagħha.

**L-opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet**

14. Fl-opinjoni tal-Qorti, it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta ARTEMIS għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2009, fl-aspetti materjali kollha huma legali u regolari.

15. Il-kummenti li ġejjin ma jixtux dubju fuq l-opinjoni tal-Qorti.

**KUMMENTI DWAR IL-ĠESTJONI TAL-BAĠIT U DIK FINANZJARJA****L-implimentazzjoni tal-baġit**

16. Il-baġit finali kien jinkludi approprijazzjonijiet tal-impenji ta' EUR 46 miljun u approprijazzjonijiet tal-pagamenti għal EUR 8 miljun. Ir-rati ta' użu għall-appropriazzjonijiet tal-impenji u tal-pagamenti kienu 81 % u 20 % rispettivament. Ir-rata ta' użu relattivament baxx għall-appropriazzjonijiet tal-pagamenti tirrifletti l-fażi ta' bidu tal-programm tar-riċerka ARTEMIS.

**Il-preżentazzjoni tal-kontijiet: kontributi tal-membri**

17. Il-Qorti tinnota li l-attivitajiet tal-Impriża Konġunta tal-UE huma ffinanzjati minn kontribuzzjonijiet mill-membri tagħhom, u li l-Impriża Konġunta fil-fatt m'għandhom ebda kapital. Il-Qorti rrakkomandat li fil-kontijiet jingħata tagħrif ċar dwar din il-karatteristika speċifika tal-Impriża Konġunta.

18. Għalhekk il-Qorti tilqa' l-fatt li, skont ir-Regola tal-Kontabilità 1 (Kontabilità tal-Grupp), il-kontribuzzjonijiet mill-membri huma ppreżentati taħt Attivi Netti fil-Karti tal-Bilanċ tal-Impriża Konġunta, u li fin-Noti tal-Kontijiet tingħata aktar informazzjoni dwar in-natura tal-kontribuzzjonijiet.

19. Il-Qorti tqis li l-preżentazzjoni tal-kontribuzzjonijiet tal-membri fil-Kontijiet tal-Impriża Konġunta għandhom ikunu armonizzati kemm jista' jkun u tinnota l-intenzjoni tal-Kummissjoni li toħroġ gwida fid-dettall lill-Impriża Konġunta f'dan ir-rigward.

**KWISTJONIJET OĦRAJN****Is-sistemi ta' kontroll intern**

20. L-Impriża Konġunta tinsab fil-fażi ta' bidu u għadha ma implimentatx għal kollox il-kontrolli interni u s-sistema ta' informazzjoni finanzjarja tagħha matul l-2009. Fi tmiem is-sena, il-proċessi tan-negozju ta' bażi kienu għadhom ma ġew formalizzati u ma kinux ġew validati mill-Uffiċjal tal-Kontabilità kif meħtieġ mir-Regoli Finanzjarji tal-Impriża Konġunta.

21. B'mod partikolari, jinħtieġ aktar xogħol fid-dokumentazzjoni tal-proċessi u tal-attivitajiet tal-IT, u d-deskrizzjoni ta' riskji tal-IT. Barra minn hekk, l-Impriża Konġunta ma kinitx żviluppat Pjan tal-Kontinwità tan-Negozju u lanqas politika tal-protezzjoni tad-data fl-2009.

**Nuqqas ta' ftehim ta' ospitalità**

22. L-Artikolu 17 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 74/2008 dwar it-twaqqif tal-Impriża Konġunta ARTEMIS jgħid li għandu jiġi konkluż ftehim ta' ospitalità bejn l-Impriża Konġunta ARTEMIS u l-Belġju dwar l-uffiċċji, il-privileġġi u l-immunitajiet u appoġġ ieħor li l-Belġju għandu jipprovdi lill-Impriża Konġunta ARTEMIS. Madankollu, sa tmiem l-2009 l-ebda ftehim ta' din ix-xorta ma kien ġie konkluż.

**Il-Funzjoni ta' Verifika Interna u s-Servizz ta' Verifika Interna tal-Kummissjoni**

23. L-Artikolu 73 tar-Regoli Finanzjarji tal-Impriża Konġunta jgħid li l-Impriża Konġunta għandu jkollha funzjoni ta' verifika interna li trid tikkonforma ma' standards internazzjonali tal-verifika. Madankollu, sa tmiem l-2009, dan l-element importanti tas-sistema ta' kontroll intern ma kienx ġie stabbilit.

24. Skont il-fehmiet espressi fl-Opinjoni tagħha Nru 4/2008 dwar ir-Regolament Finanzjarju tal-Impriża Konġunta Fużjoni għall-Enerġija u Nru 2/2010 dwar ir-Regoli Finanzjarji tal-Impriża Konġunta SESAR, il-Qorti tqis li d-dispożizzjoni kurrenti fl-Istatuti tal-Impriża Konġunta dwar l-irwol tal-awditur intern tal-Kummissjoni għandha tkun iċċarata.

25. L-Artikolu 10 tal-Istatuti tal-Impriża Konġunta ARTEMIS jiddikjara li l-funzjonijiet tal-awditur intern tal-Kummissjoni għandhom jitwettqu taħt ir-responsabbiltà tal-Bord tat-Tmexxija tal-Impriża Konġunta. Arranġament bħal dan jixraq lill-funzjoni ta' verifika interna fi ħdan l-Impriża Konġunta iżda mhux lill-awditur intern tal-Kummissjoni, li r-responsabbiltajiet tiegħu għandhom x'jaqsmu mal-baġit ġenerali tal-UE kollu kemm hu.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla II, immexxija mis-Sur Morten LEVYSOHN, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu, fil-laqgħa tagħha tal-20 ta' Ottubru 2010.

Għall-Qorti tal-Awdituri

Vitor Manuel da SILVA CALDEIRA

President

## L-Impriża Konġunta ARTEMIS (Brussell)

Oqsma ta' kompetenza tal-Unjoni stipulati fit-Trattat	Kompetenzi tal-Impriża Konġunta kif definiti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 74/2008	Tmexxija	Riżorsi disponibbli għall-Impriża Konġunta fl-2009	Kisbiet prinċipali għall-2009	
<p><i>It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea</i></p> <p><i>l-Artikolu 187</i></p> <p>(dak li qabel kien l-Artikolu 171, TKE)</p> <p>L-Unjoni tista' toħloq impriżi komuni [konġunti] jew kull struttura oħra neċessarja għall-eżekuzzjoni tal-effiċjenti tal-programmi tar-riċerka ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni tal-Unjoni.</p>	<p><b>Objettivi</b></p> <p>L-Impriża Konġunta ARTEMIS għandha tikkontribwixxi lejn l-implimentazzjoni tas-Seba' Programm ta' Qafas u t-Tema "Teknoloġiji tal-Infommazzjoni u tal-Komunikazzjoni" tal-Programm Speċifiku "Koperazzjoni". Din għandha b'mod partikolari:</p> <p>(a) tiddefinixxi u timplimenta "Aġenda għar-Riċerka" għall-iżvilupp ta' teknoloġiji ewlenin għas-Sistemi Inkorporati tal-Kompjuter fiżżoni kollha differenti ta' applikazzjoni sabiex tissaħħaħ il-kompetittività Ewropea u s-sostenibilità, u tippermetti l-ħolqien ta' swieq ġodda u applikazzjonijiet fis-soċjetà. L-attivitajiet għall-implimentazzjoni tal-Aġenda għar-Riċerka minn hawn 'il quddiem huma msemmija bħala "l-Attivitajiet ta' R&amp;Z";</p> <p>(b) tappoġġja l-implimentazzjoni tal-Attivitajiet ta' R&amp;Z partikolarment billi tagħti finanzjament lil parteċipanti fi proġetti magħżula wara sejħiet kompetittivi għall-proposti;</p>	<p><b>Kompiti</b></p> <p>(a) tiżgura t-twaqqif u l-ġestjoni sostenibbli tal-JTI f'Sistemi Inkorporati tal-Kompjuter;</p> <p>(b) tiddefinixxi u tagħmel kull aġġustament meħtieġ għall-Pjan Strateġiku Multinannwali inkluża l-Aġenda għar-Riċerka msemmija fl-Artikolu 19(1);</p> <p>(c) tiddefinixxi u twestaq il-Pjanijiet ta' Implimentazzjoni Annwali msemmija fl-Artikolu 19(3) għall-eżekuzzjoni tal-Pjan Strateġiku Multinannwali msemmi fl-Artikolu 19(1);</p> <p>(d) toħroġ sejħiet għall-proposti, tevalwa l-proposti, u tagħti finanzjament lil proġetti magħżula permezz ta' proċeduri miftuħa, trasparenti u effettivi, fi ħdan il-limiti tal-fondi disponibbli;</p> <p>(e) tiżviluppa koperazzjoni mill-qrib u tiżgura koordinazzjoni ma' attivitajiet, korpi u partijiet konċernati Ewropej, b'mod partikolari s-Seba' Programm ta' Qafas, nazzjonali u transnazzjonali, bil-għan li trawwem ambjent fertili ta' innovazzjoni fl-Ewropa u sinerġiji u sfruttament aħjar tar-riżultati ta' żvilupp u ta' riċerka fil-qasam tas-Sistemi Inkorporati tal-Kompjuter;</p>	<p>Il-Korpi tal-Impriża Konġunta ARTEMIS għandhom ikunu:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— il-Bord tat-Tmexxija,</li> <li>— id-Direttur Eżekuttiv,</li> <li>— il-Bord tal-Awtoritajiet Pubbliċi,</li> <li>— il-Kumitat tal-Industrija u r-Riċerka.</li> </ul> <p><b>1 — Bord tat-Tmexxija</b></p> <p>Il-Bord tat-Tmexxija għandu jkollu r-responsabbiltà kumplessiva għall-operazzjonijiet tal-Impriża Konġunta ARTEMIS u għandu jissorvelja l-implimentazzjoni tal-attivitajiet tagħha.</p> <p><b>2 — Direttur Eżekuttiv</b></p> <p>Id-Direttur Eżekuttiv għandu jkun il-kap eżekuttiv responsabbli għall-ġestjoni ta' kuljum tal-Impriża Konġunta ARTEMIS skont id-deċiżjonijiet tal-Bord tat-Tmexxija u jkun ir-rappreżentant ġuridiku tagħha. Hu għandu jwestaq il-kompiti tiegħu b'indipendenza sħiħa u jkun responsabbli lejn il-Bord tat-Tmexxija. Id-Direttur għandu jeżerċita, fir-rigward tal-persunal, is-setgħat stabbiliti fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament.</p> <p><b>3 — Il-Bord tal-Awtoritajiet Pubbliċi għandu:</b></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>(a) jiżgura li jiġu applikati sew il-prinċipji tal-ġustizzja u tat-trasparenza fl-allokazzjoni tal-finanzjament pubbliku lill-parteċipanti fil-proġetti;</li> <li>(b) jiddiskuti u japprova l-Programm Annwali ta' Ħidma msemmi fl-Artikolu 19(2) fuq propositi mill-Kumitat tal-Industrija u r-Riċerka, inklużi l-baġits disponibbli għas-sejħiet għall-proposti;</li> <li>(c) japprova r-regoli ta' proċedura għas-sejħiet għall-proposti, għall-evalwazzjoni u l-għażla tal-proposti u għall-monitoraġġ tal-proġetti;</li> <li>(d) fuq proposta tar-rappreżentant tal-Unjoni, jiddeċiedi dwar il-kontribut finanzjarju għall-Impriża Konġunta ARTEMIS għall-baġit tas-sejħiet għall-proposti;</li> <li>(e) japprova l-ambitu ta' applikazzjoni u t-tnedija tas-sejħiet għall-proposti;</li> </ul>	<p><b>Baġit</b></p> <p>EUR 7,97 miljun li jirrappreżentaw 100 % kontribut tal-UE.</p> <p><b>Persunal fil-31 ta' Diċembru 2009</b></p> <p>10 karigi elenkati fil-pjan ta' stabbiliment li minnhom 9 ġew okkupati sal-31.12.2009.</p> <p>Għadd totali tal-persunal: 9</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— 7 aġenti temporanji (AD)</li> <li>— 2 aġenti kuntrattwali (assistenti amministrattivi)</li> </ul>	<ul style="list-style-type: none"> <li>— inġhatat l-awtonomija mill-Kommissjoni fis-26 ta' Ottubru 2009</li> <li>— it-tieni sejħa għal propositi ġiet varata</li> <li>— Negożjar u bidu ta' proġetti R&amp;Z tattieni sejħa</li> <li>— Monitoraġġ u revizzjoni tal-ewwel sejħa għal proġetti</li> <li>— iffirmar tal-Ftehim ta' Finanzjament Ġenerali mal-Kommissjoni</li> <li>— 6 ftehimiet fil-livell tas-servizz iffirmati mas-servizzi tal-Kommissjoni</li> </ul>

Oqsma ta' kompetenza tal-Unjoni stipulati fit-Trattat	Kompetenzi tal-Impriża Konġunta kif definiti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 74/2008	Tmexxija	Riżorsi disponibbli għall-Impriża Konġunta fl-2009	Kisbiet prinċipali għall-2009	
	<p>(c) tippromwovi sħubija pubblika-privata mmirata lejn il-mobilizzazzjoni u l-għbir tal-isforzi tal-Unjoni, nazzjonali u privati, li żżid l-investimenti globali fl-R&amp;Ż fil-qasam tas-Sistemi Inkorporati tal-Kompjuter, u trawwem kollaborazzjoni bejn is-setturi pubbliċi u privati;</p> <p>(d) tikseb sinerġija u koordinazzjoni tal-isforzi Ewropej dwar l-R&amp;Ż fil-qasam tas-Sistemi Inkorporati tal-Kompjuter, inkluża, meta jista' jinħoloq valur miżjud, l-integrazzjoni progressiva fl-Impriża Konġunta ARTEMIS tal-attivitajiet relatati fil-qasam implimentati fil-preżent permezz ta' skemi intergovernattivi ta' R&amp;Ż (Eureka);</p> <p>(e) tippromwovi l-involvement ta' SMEs fl-attivitajiet tagħha skont l-oġettivi tas-Seba' Programm ta' Qafas.</p>	<p>(f) timmonitorja l-progress lejn oġettivi tal-Impriża Konġunta ARTEMIS;</p> <p>(g) twettaq attivitajiet ta' komunikazzjoni u ta' disseminazzjoni;</p> <p>(h) tippubblika informazzjoni dwar il-proġetti, inkluż isem il-parteċipanti u l-ammont tal-kontribut finanzjarju tal-Impriża Konġunta ARTEMIS għall kull parteċipant;</p> <p>(i) twettaq kull attività oħra meħtieġa sabiex jintlaħqu l-oġettivi msemmija fl-Artikolu 2 tar-Regolament.</p>	<p>(f) japprova l-għażla tal-proposti għall-proġetti sabiex jirċievu finanzjament pubbliku wara s-sejħiet għall-proposti;</p> <p>(g) fuq proposta tar-rappreżentant tal-Unjoni, jiddeċiedi dwar il-perċentwal tal-kontribut finanzjarju tal-Impriża Konġunta ARTEMIS imsemmi fl-Artikolu 13(6)(a) lill-parteċipanti fi proġetti li joħorġu minn sejħiet għall-proposti fi kwalunkwe sena partikolari;</p> <p>(h) jadotta r-regoli ta' proċedura skont il-paragrafu 3.</p> <p><b>4 — Il-Kumitat tal-Industrija u r-Riċerka</b> għandu:</p> <p>(a) jelabora l-Pjan Strateġiku Multinannwali msemmi fl-Artikolu 19(1), inklużi l-kontenut u l-aġġornament tal-Aġenda għar-Riċerka, u jippreżentah lill-Bord tat-Tmexxija għall-approvazzjoni;</p> <p>(b) iħejji l-abbozz tal-Programm Annwali ta' Ħidma msemmi fl-Artikolu 19(2), inklużi proposti għall-kontenut tas-sejħiet li għandhom ikunu varati mill-Impriża Konġunta ARTEMIS;</p> <p>(c) jelabora proposti fir-rigward tal-istrateġija teknoloġika, ta' riċerka u ta' innovazzjoni tal-Impriża Konġunta ARTEMIS;</p> <p>(d) jelabora proposti għall-attivitajiet fir-rigward tal-ħolqien ta' ambjenti miftuħa ta' innovazzjoni, jippromwovi l-parteċipazzjoni tal-SMEs, jiżviluppa standards b'mod trasparenti u b'mod miftuħ għall-parteċipazzjoni, il-koperazzjoni internazzjonali, id-disseminazzjoni u r-relazzjonijiet pubbliċi;</p> <p>(e) jagħti pariri lill-korpi l-oħrajn dwar kull kwistjoni marbuta mal-ippjanar u l-operat ta' programmi ta' riċerka u żvilupp, irawwem sħubijiet u jħaddem riżorsi sabiex jilħaq l-oġettivi tal-Impriża Konġunta ARTEMIS.</p> <p>(f) jaħtar gruppi ta' ħidma fejn meħtieġ taħt il-koordinazzjoni kumplessiva ta' membru jew aktar tal-Kumitat tal-Industrija u r-Riċerka sabiex iwettaq il-kompiti msemmija fuq;</p> <p>(g) jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu skont il-paragrafu 3.</p> <p><b>5 — Verifika esterna</b> Il-Qorti tal-Awdituri.</p> <p><b>6 — Awtorità ta' Kwittanza</b> Il-Parlament fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsill.</p>		

Sors: Informazzjoni ppreżentata mill-Impriża Konġunta.

## IR-RISPOSTI TAL-IMPRIŻA KONĠUNTA

### Sistemi Interni ta' Kontroll

#### Paragrafu 20

Id-Direttur Eżekuttiv iddeċieda li jimplimenta l-15-il Standard ta' Kontroll Intern li fadal (wieħed kien diġà ġie adottat qabel) f'żewġ fażijiet. L-ewwel fażi kienet adottata mill-Bord Amministrattiv fit-23 ta' Marzu 2010. L-SKI li fadal ġew adottati mill-Bord Amministrattiv fit-22 ta' Settembru 2010.

#### Paragrafu 21

L-Impriża Konġunta Artemis irrikonoxxiet il-kummenti tal-Qorti. Madankollu, fil-bini temporanju li attwalment tinsab, l-Impriża Konġunta tiddependi mill-infrastruttura tal-IT provduta mill-Kummissjoni bħala mistiedna. L-Impriża Konġunta Artemis qed taħdem fuq proċedura biex tagħżel il-post definittiv tagħha. Wara li jitlesta dan il-proċess, l-Impriża Konġunta ser tkun f'pożizzjoni li ġgħorr ir-responsabbiltà għall-infrastruttura tal-IT tagħha u ser tikkonsidra l-punti mqajma mill-Qorti.

### Nuqqas ta' ftehim ta' Stat Ospitanti

#### Paragrafu 22

L-Impriża Konġunta Artemis tkompli tikkooopera għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' ftehim ta' Stat Ospitanti u tistenna l-eżitu tal-passi li jmiss fuq il-proċedura biex ikollha ftehim iffirmat.

### Il-Funzjoni ta' Verifika Interna u s-Servizz ta' Verifika Interna tal-Kummissjoni

#### Paragrafu 23

Fil-fażi inizjali tal-operazzjoni tal-Impriża Konġunta, ir-riżorsi kienu diretti lejn il-kompiti ta' prijorità għal tmexxija soda tal-proċess lejn l-awtonomija, bit-tlestija tas-sejħa għall-offerti għall-2009 (fosthom in-negozjat tal-kuntratti) u l-bidu tas-sejħiet għall-offerti għall-2010. L-Impriża Konġunta tikkonferma l-intenzjoni tagħha biex iddaħħal fis-seħħ sistema ta' verifika interna matul l-2010.



**RAPPORT**

**dwar il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta “Clean Sky” għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta’ Diċembru 2009, flimkien mar-risposti tal-Impriża Konġunta**

(2010/C 342/02)

**WERREJ**

	<i>Paragrafu</i>	<i>Paġna</i>
INTRODUZZJONI .....	1-6	8
ID-DIKJARAZZJONI TA’ ASSIGURAZZJONI .....	7-16	8
KUMMENTI DWAR IL-ĠESTJONI TAL-BAĠIT U DIK FINANZJARJA .....	17-22	9
KWISTJONIJIET OĦRAJN .....	23-29	9
It-Tabella .....		11
<b>Ir-risposti tal-Impriża Konġunta .....</b>		<b>13</b>

**INTRODUZZJONI**

1. L-Impriża Konġunta "Clean Sky", li tinsab fi Brussell, twaqqfet f'Diċembru 2007 <sup>(1)</sup> għall-perjodu sal-31 ta' Diċembru 2017.

2. Dan l-oġġettiv tal-Impriża Konġunta "Clean Sky" qiegħed biex jaċċelera fl-UE l-iżvilupp, il-validazzjoni u d-dimostrazzjoni ta' teknoloġiji nodfa għat-Trasport bl-Ajru għall-użu mill-aktar fis possibbli (Ara t-Tabella).

3. L-attivitajiet tar-riċerka koordinati mill-Impriża Konġunta huma maqsumin f'sitt oqsma teknoloġiċi jew "Dimostraturi tat-Teknoloġija Integrata" (ITDs).

4. Il-Membri li waqqfu l-Impriża Konġunta huma l-Unjoni Ewropea rrappreżentata mill-Kummissjoni bħala rappreżentanta pubblika, u msieħba industrijali bħala l-mexxejja tal-ITDs, flimkien mal-Membri assoċjati tal-ITDs.

5. Il-kontribuzzjoni massima tal-UE lill-Impriża Konġunta "Clean Sky" biex tkopri l-ispejjeż ta' ġestjoni u l-attivitajiet ta' riċerka hi ta' EUR 800 miljun li għandhom jitħallsu mill-baġit tas-Seba' Programm ta' Qafas ta' Riċerka. Membri oħrajn tal-Impriża Konġunta għandhom jikkontribwixxu riżorsi għall-inqas b'mod indaqs għall-kontribuzzjoni tal-UE, inklużi kontribuzzjonijiet *in natura*.

6. L-Impriża Konġunta bdiet tiffunzjona b'mod awtonomu fis-16 ta' Novembru 2009.

**ID-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI**

7. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287(1), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Qorti vverifikat il-kontijiet annwali <sup>(2)</sup> tal-Impriża Konġunta "Clean Sky", li jikkonsistu fir-"rendikonti finanzjarji" <sup>(3)</sup> u fir-"rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit" <sup>(4)</sup> għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2009 u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet.

8. Din id-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni hija indirizzata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skont l-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1605/2002 <sup>(5)</sup>.

**Ir-responsabbiltà tad-Direttur**

9. Bħala uffiċjal li jawtorizza, id-Direttur jimplementa d-dħul u l-infiq tal-baġit skont ir-regoli finanzjarji tal-Impriża Konġunta <sup>(6)</sup> li taqa' taħt ir-responsabbiltà tiegħu u fi ħdan il-limiti tal-appropriazzjonijiet awtorizzati <sup>(7)</sup>. Id-Direttur huwa responsabbli mit-twaqqif <sup>(8)</sup> tal-istruttura organizzattiva u s-sistemi u l-proċeduri tal-ġestjoni u l-kontroll interni rilevanti biex jiġu ppreparati kontijiet finali <sup>(9)</sup> li huma ħielsa minn dikjarazzjoni żbaljata materjali, kemm jekk minħabba frodi jew inkella żball, u biex jiżgura li t-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawn il-kontijiet huma legali u regolari.

**Ir-responsabbiltà tal-Qorti**

10. Ir-responsabbiltà tal-Qorti hija li ttipprovdi, abbażi tal-verifika tagħha, dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li huma bbażati fuqhom.

11. Il-Qorti wettqet il-verifika tagħha skont l-Istandards Internazzjonali tal-Verifika u l-Kodiċi tal-Etika tal-IFAC u tal-ISSAI <sup>(10)</sup>. Dawk l-istandards jitolbu li l-Qorti tikkonforma mar-rekwiżiti tal-etika u li tippjana u twestaq il-verifika biex tikseb assigurazzjoni raġonevoli dwar jekk il-kontijiet humiex ħielsa minn dikjarazzjoni żbaljata materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet ta' bażi humiex legali u regolari.

12. Il-verifika tal-Qorti tinvolvi t-tweqqif ta' proċeduri sabiex tinkiseb evidenza tal-verifika dwar l-ammonti u t-tagħrif fil-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li huma bbażati fuqhom. Il-proċeduri magħżula jiddependu fuq l-evalwazzjoni tagħha tal-verifika inkluża l-valutazzjoni tar-riskji ta' dikjarazzjoni żbaljata materjali fil-kontijiet jew ta' tranżazzjonijiet illegali jew irregolari, kemm jekk minħabba frodi jew inkella żball. Meta tagħmel dawk il-valutazzjonijiet tar-riskju, il-kontroll intern rilevanti għall-preparazzjoni u l-preżentazzjoni tal-kontijiet tal-entità jiġi kkunsidrat sabiex jitfasslu proċeduri tal-verifika li huma xierqa fiċ-ċirkostanzi. Il-verifika tal-Qorti tinkludi wkoll evalwazzjoni tal-adeqgatezza tal-politika tal-kontabilità użata u tar-raġonevolezza tal-estimi tal-kontabilità magħmula mill-maniġment u kif ukoll evalwazzjoni tal-preżentazzjoni tal-kontijiet inġenerali.

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 71/2008 tal-20 ta' Diċembru 2007 li jstabilixxi l-Impriża Konġunta "Clean Sky" (ĠU L 30, 4.2.2008, p.1).

<sup>(2)</sup> Dawn il-kontijiet huma akkumpanjati minn rapport dwar il-ġestjoni tal-baġit u dik finanzjarja matul is-sena li, fost l-oħrajn, jagħti rendikont tar-rata ta' implimentazzjoni tal-appropriazzjonijiet flimkien ma' informazzjoni fil-qosor dwar it-trasferimenti ta' appropriazzjonijiet fost il-partiti varji tal-baġit.

<sup>(3)</sup> Ir-rendikonti finanzjarji jinkludu l-karta tal-bilanċ u l-kont tar-riżultat ekonomiku, it-tabella tal-likwidità, ir-rendikont tat-tibdil fil-kapital u l-anness għar-rendikonti finanzjarji li jinkludu d-deskrizzjoni tal-politika tal-kontabilità prinċipali u informazzjoni oħra ta' spjegazzjoni.

<sup>(4)</sup> Ir-rapporti tal-implimentazzjoni tal-baġit jikkonsistu fil-kont tar-riżultat tal-baġit u fl-anness tiegħu.

<sup>(5)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>(6)</sup> Ir-Regoli Finanzjarji tal-Impriża "Clean Sky" adottati bid-Deċiżjoni tal-Bord Governattiv tagħha fis-7 ta' Novembru 2008.

<sup>(7)</sup> L-Artikolu 33 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 (ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72).

<sup>(8)</sup> L-Artikolu 38 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2343/2002.

<sup>(9)</sup> Ir-regoli dwar il-preżentazzjoni tal-kontijiet u tal-kontabilità mill-Aġenziji huma stabbiliti fil-Kapitolu 1 tat-Titolu VII tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2343/2002 kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 652/2008 tad-9 ta' Lulju 2008 (ĠU L 181, 10.7.2008, p. 23) u huma inkorporati fir-Regoli Finanzjarji tal-Impriża Konġunta "Clean Sky".

<sup>(10)</sup> Il-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti (IFAC) u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Verifiki (ISSAI).

13. Il-Qorti tqis li l-evidenza tal-verifika miksuba hija biżżejjed u xierqa biex tipprovi bażi għall-opinjoniġiet t'hawn taħt.

#### **L-opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet**

14. Fl-opinjoni tal-Qorti, il-Kontijiet Annwali tal-Impriża Konġunta "Clean Sky" jippreżentaw b'mod ġust, fir-rispetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħha sal-31 ta' Diċembru 2009 u r-riżultati tal-operazzjonijiet u l-flussi tal-likwidità tagħha għas-sena li kienet intemmet, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regoli Finanzjarji tagħha.

#### **L-opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet**

15. Fl-opinjoni tal-Qorti, it-tranżazzjonijiet ta' bażi vverifikati għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2009, fl-aspetti materjali kollha huma legali u regolari.

16. Il-kummenti li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjoniġiet tal-Qorti.

#### **KUMMENTI DWAR IL-ĠESTJONI TAL-BAĠIT U DIK FINANZJARJA**

##### **L-Implimentazzjoni tal-baġit:**

17. L-adozzjoni, l-istruttura u l-preżentazzjoni tal-baġit approvat tal-Impriża Konġunta għall-2009 ma kinux konformi mar-Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta ta' "Clean Sky", u lanqas mar-Regoli Finanzjarji tal-Impriża Konġunta. Il-baġit ma jirrispettax il-prinċipju ta' ekwilibriju u ma jinkludix l-elementi kollha meħtieġa (pereżempju, pjan ta' stabbiliment tal-persunal).

18. Il-baġit finali kien jinkludi approprijazzjonijiet ta' impenn ta' EUR 91 miljun u approprijazzjonijiet ta' pagamenti ta' EUR 60 miljun. Ir-rata tal-utilizzazzjoni għal approprijazzjonijiet ta' impenn kienet 98 %, ir-rata għal approprijazzjonijiet ta' pagament kienet inqas minn 1 %. L-Impriża Konġunta kkonkludiet kuntratti ta' EUR 70,6 miljun f'Diċembru 2009, iżda l-pagamenti ta' finanzjament minn qabel li jammontaw għal EUR 56,5 miljun setgħu jsiru biss f'Janjar 2010.

19. L-attivitajiet ta' riċerka ffinanzjati minn qabel mill-Kummissjoni fl-2008 fisem l-Impriża Konġunta ma ġewx implimentati għal kollox matul l-2009. Minħabba dewmien fil-proġetti, intużaw biss EUR 8,7 miljun jew 65 % tal-finanzjament minn qabel ta' EUR 13,6 miljun. Għaldaqstant fi tmiem l-2009, l-Impriża Konġunta kellha ammont potenzjali ta' rkupru ta' dejn ta' EUR 4,9 miljun.

##### **Preżentazzjoni tal-kontijiet: il-kontribuzzjonijiet tal-membri**

20. Il-Qorti tinnotta li l-attivitajiet tal-Impriżi Konġunti tal-UE huma ffinanzjati minn kontribuzzjonijiet mill-membri tagħhom,

u li l-Impriżi Konġunti fil-fatt m'għandhomx kapital. Il-Qorti tirrakkomanda li din il-karatteristika speċifika tal-Impriżi Konġunti jingħata tagħrif dwarha b'mod ċar fil-kontijiet.

21. Għalhekk, il-Qorti tilqa' l-fatt li, skont ir-Regola 1 tal-Kontabilità (Kontabilità tal-Grupp), il-kontribuzzjonijiet minn membri jkunu ppreżentati skont l-Attivi Netti fil-Karti tal-Bilanċ tal-Impriżi Konġunti, u li informazzjoni ulterjuri dwar in-natura tal-kontribuzzjonijiet tiġi pprovduta fin-Noti għall-Kontijiet.

22. Il-Qorti tqis li l-preżentazzjoni tal-kontribuzzjonijiet tal-membri fil-Kontijiet tal-Impriżi Konġunti għandha tkun f'armonija kemm jista' jkun u tinnotta l-intenzjoni tal-Kummissjoni li toħroġ gwida dettaljata f'dan ir-rigward tal-Impriżi Konġunti.

#### **KWISTJONIJET OĦRAJN**

##### **Sistemi ta' kontroll intern**

23. L-Impriża Konġunta tinsab fil-fażi tal-bidu u ġew żviluppati proċeduri għall-oqsma kollha rilevanti tal-organizzazzjoni bħall-workflow u l-akkwist finanzjarju Madankollu kif muri mis-sejbiet tal-verifika tal-Qorti, dawn il-proċeduri ta' kontroll intern jeħtieġu żvilupp ulterjuri sabiex jissodisfaw ir-rekwiżiti għal kontroll intern effettiv u effiċjenti kif stipulat fir-Regoli Finanzjarji tal-Impriża Konġunta.

24. Fi tmiem l-2009, il-proċessi kummerċjali ta' bażi kien għadhom ma ġewx formalizzati u ma kinux ivvalidati mill-Uffiċjal tal-Kontabilità kif mitlub mir-Regoli Finanzjarji tal-Impriża Konġunta.

25. L-Impriża Konġunta "Clean Sky" tuża l-għodod tat-Teknoloġija tal-Infurmazzjoni ta' ġestjoni finanzjarja tal-Kummissjoni, li jstgħu jkunu meqjusa bħala sistemi robusti. Madankollu, żvilupp ulterjuri ta' proċessi u politiki tat-Teknoloġija tal-Infurmazzjoni hu meħtieġ biex jiżgura kontinwità fil-kummerċ.

26. Il-proċedura stabbilita fir-Regoli Finanzjarji tal-'Clean Sky' u l-Ftehim Ġenerali mal-Kummissjoni għat-talba għal pagament tal-kontribuzzjonijiet tal-Kummissjoni ma kinitx applikata b'mod xieraq. Il-Qorti ttestjat ħames ordnijiet ta' rkupru, u sabet li f'kull każ, it-talba għal pagament ma kinitx akkumpanjata mit-tbassir ta' fluss meħtieġ ta' likwidità.

##### **Il-Funzjoni ta' Verifika Interna u s-Servizz ta' Verifika Interna tal-Kummissjoni**

27. F'konformità mal-opinjoniġiet espressi fl-Opinjoniġiet tagħha Nru 4/2008 dwar ir-Regolament Finanzjarju tal-Impriża Konġunta tal-Fużjoni għall-Enerġija u n-Nru 2/2010 dwar ir-Regolament Finanzjarju tal-Impriża Konġunta SESAR, il-Qorti tqis li d-dispożizzjoni kurrenti fl-Istatuti tal-Impriża Konġunta dwar ir-rwol tal-awditur intern tal-Kummissjoni għandha tiġi kkjarifikata.

28. L-Artikolu 11 tal-Istatuti tal-Impriża Konġunta 'Clean Sky' jiddikjara li l-funzjonijiet tal-awditur intern tal-Kummissjoni għandhom jitwettqu taħt ir-responsabbiltà tal-Bord tat-Tmexxija tal-Impriża Konġunta. Fl-opinjoni tal-Qorti, arranġament bħal dan huwa xieraq għall-funzjoni tal-verifika interna fl-Impriża Konġunta iżda mhux għall-awditur intern tal-Kummissjoni, li r-responsabbiltajiet tiegħu għandhom x'jaqsmu mal-baġit ġenerali tal-UE b'mod globali.

#### ***Nuqqas ta' ftehim dwar l-Istat ospitanti***

29. Skont ir-Regolament tal-Kunsill ta' Diċembru 2007 li jwaqqaf l-Impriża Konġunta, għandu jiġi konkluż ftehim ospitanti bejn l-Impriża Konġunta "Clean Sky" u l-Belġju dwar il-post tal-uffiċċju, privileġġi u immunitajiet u appoġġ ieħor li għandu jiġi pprovdut mill-Belġju bħala stat ospitanti għall-Impriża Konġunta "Clean Sky". Dakinhar tal-verifika, ebda ftehim bħal dan ma kien ġie ffirmat.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Awla II, immexxija mis-Sur Morten LEVYSOHN, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tal-20 ta' Ottubru 2010.

*Għall-Qorti tal-Awdituri*

Vitor Manuel da SILVA CALDEIRA

*President*

---

## L-Impriża Konġunta "Clean Sky" (Brussell)

Oqsma ta' kompetenza tal-Unjoni stipulati fit-Trattat	Kompetenzi tal-Impriża Konġunta kif definiti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 71/2008		Tmexxija	Riżorsi disponibbli għall-Impriża Konġunta fl-2009	Kisbiet ewlenin for 2009
<p>L-Artikoli 187 u 188 tat-Trattat li jstabbilixxu l-Unjoni Ewropea.</p> <p>Id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tipprevedi kontribut tal-Unjoni għat-twaqqif ta' sħubiji pubbliċi-privati fit-tul fforma ta' Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti (ITIs, Joint Technology Initiatives) li jistgħu jkunu implimentati permezz ta' Impriżi Konġunti skont it-tifsira tal-Artikolu 187 tat-Trattat.)</p>	<p><b>Objettivi</b></p> <p>L-Impriża Konġunta "Clean Sky" għandha tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tas-Seba' Programm Kwadru u b'mod partikolari tat-Tema 7, Trasport (inkluża l-Aeronawtika) tal-Programm Speċifiku Kooperazzjoni.</p> <p>a) li taċċelera fl-UE l-iżvilupp, il-validazzjoni u d-dimostrazzjoni ta' teknoloġiji nodfa għat-Trasport bl-Ajru għall-użu mill-aktar fis possibbli;</p> <p>b) li tiżgura l-implimentazzjoni koerenti tal-isforzi tar-riċerka Ewropej li jimmiraw għat-titjib ambjentali fil-qasam tat-Trasport bl-Ajru;</p> <p>c) li toħloq Sistema tat-Trasport bl-Ajru radikalment innovattiva, abbażi tal-integrazzjoni ta' teknoloġiji avvanzati u dimostrazzjonijiet fuq skala kbira, bil-mira li jitnaqqas l-impatt ambjentali tat-trasport bl-ajru permezz ta' tnaqqis sinifikanti tal-ħoss u l-emissjonijiet ta' gass, flimkien ma' titjib tal-ekonomija tal-fjuwil fl-ajruplani;</p>	<p><b>Kompiti</b></p> <p>a) tgħaqqad flimkien firxa ta' Dimostraturi tat-Teknoloġija Integrata bl-enfasi fuq teknoloġiji innovattivi u l-iżvilupp ta' dimostraturi fuq skala sħiħa;</p> <p>b) tiffoka l-isforzi fid-Dimostraturi tat-Teknoloġija Integrata fuq riżultati importanti li jistgħu jgħinu biex jintlaħqu l-għanijiet ambjentali u tal-kompetittività tal-Ewropa;</p> <p>c) ttejjeb il-proċess tal-verifika tat-teknoloġija sabiex tidentifika u tneħħi l-ostakoli għall-penetrazzjoni futura tas-suq;</p> <p>d) tiġbor flimkien ir-reqwiżiti tal-utenti biex tiġgwida l-investiment fir-riċerka u l-iżvilupp lejn soluzzjonijiet operazzjonali u kummerċjalizzabbli;</p> <p>e) timplimenta l-attivitajiet ta' riċerka u ta' żvilupp meħtieġa, fejn ikun xieraq billi tagħti għot-jiet wara sejħiet għal proposti;</p> <p>f) tagħmel għotjiet li jappoġġaw riċerka mwettqa mill-Membri tagħha u minn entitajiet oħra magħżula wara sejħiet għal proposti skont il-kriterji miftuħa maqbula mill-Bord ta' Tmexxija;</p> <p>g) tippubblika informazzjoni dwar il-proġetti, inkluż l-isem tad-destinatarji u l-ammont tal-kontribut finanzjarju tal-Impriża Konġunta "Clean Sky" għal kull destinatarju;</p>	<p><b>1 — Bord ta' Tmexxija</b></p> <p>Il-Bord ta' Tmexxija huwa l-korp ta' Tmexxija tal-Impriża Konġunta "Clean Sky".</p> <p><b>2 — Kumitat ta' Tmexxija ITD</b></p> <p>Il-Kumitati ta' Tmexxija tad-Dimostraturi tat-Teknoloġija Integrata (ITD) għandhom jiġu stabbiliti mill-Bord ta' Tmexxija għal kull wieħed mis-sitt Dimostraturi tat-Teknoloġija Integrata. Għandhom jiġu stabbiliti l-ITDs segwenti:</p> <p>a) Inġenji tal-Ajru Intelliġenti bil-Ġwienaħ Fissi</p> <p>b) Inġenji tal-Ajru Reġjonali Ambjentali</p> <p>c) Inġenji tal-Ajru Ambjentali kbar li jaħdmu bir-rotors</p> <p>d) Sistemi għal Operazzjonijiet Ambjentali</p> <p>e) Magna Ambjentali u Sostenibbli</p> <p>f) Eko-Disinn.</p> <p><b>3 — Grupp ta' Rappreżentanti tal-Istati Nazzjonali</b></p> <p>Il-Grupp ta' Rappreżentanti tal-Istati Nazzjonali għandu jkun kompost minn rappreżentant wieħed minn kull Stat Membru u minn kull pajjiż assoċjat mal-Programm Kwadru. Hu għandu jeleġġi president minn fost il-membri tiegħu.</p> <p><b>4 — Il-Forum Ġenerali.</b></p> <p>Il-Forum Ġenerali huwa korp konsultattiv tal-Impriża Konġunta "Clean Sky". Il-Forum Ġenerali għandu jkun kompost minn rappreżentant wieħed minn:</p>	<p><b>Baġit</b></p> <p>EUR 95,23 miljun li minnhom EUR 91 miljun iffinanzjati mill-kontribuzzjoni tal-baġit tal-UE; EUR 3,39 miljun kontribuzzjoni ta' flus kontanti u EUR 91,84 miljun kontribuzzjoni <i>in natura</i> minn membri ta' industrija privata previsti</p> <p><b>Persunal fil-31 ta' Diċembru 2009</b></p> <p>18-il kariga temporanja fil-pjan ta' stabbiliment li minnhom 10 kienu sal-31.12.2009 (inkluża kariga 1 CA).</p> <p>Għadd totali tal-persunal: 10</p> <p>assenjati fid-doveri li ġejjin:</p> <p>— kompiti operazzjonali: 2</p> <p>— kompiti amministrattivi u ta' sostenn: 4</p> <p>— kompiti mħallta: 4</p>	<p><b>Operazzjonali:</b></p> <p>— Inġenji tal-Ajru Intelliġenti bil-Ġwienaħ Fissi: għażla tad-dimostratur ta' veloċità qawwija u ajruplan ta' test bir-rotor miftuħ li jaħdem bil-kontra;</p> <p>— Inġenji tal-Ajru Reġjonali Ambjentali: definizzjoni tar-reqwiżiti ewlenin għal strutturi primarji; skrinjng ta' teknoloġiji affidabbli għal konfigurazzjoni ta' ħsejjes baxxi</p> <p>— Inġenji tal-Ajru Ambjentali kbar li jaħdmu bir-rotors: definizzjoni ta' rotor bażi għal xfafar innovattivi, għodod għal ġestjoni fuq l-inġenji tal-ajru ta' rotot ta' titjiriet bi ħsejjes baxxi;</p> <p>— Magni Sostenibbli u Ambjentali: Disinn tas-sistema tal-iskrun inizjali u disinn preliminari ta' moduli bi studji ta' konfigurazzjoni kompluti</p> <p>— Sistemi għal Operazzjonijiet Ambjentali: għoti tad-<i>data</i> ta' referenza kollha u speċifikazzjoni ta' livell għoli għal ajruplan kbir, għażla tal-ġestjoni tat-titjira;</p> <p>— Eko-Disinn: Rekwiżiti ta' finalizzazzjoni għal materjali ġodda ekoloġiċi, proċess ta' fabrikazzjoni, struttura li sservi għal żmien twil u tmien tal-użu tal-ajruplan; analiżi tal-ogħla livell biex tenfasizza aktar minn 150 kandidat teknoloġiku;</p>

Oqsma ta' kompetenza tal-Unjoni stipulati fit-Trattat	Kompetenzi tal-Impriża Konġunta kif definiti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 71/2008	Tmexxija	Riżorsi disponibbli għall-Impriża Konġunta fl-2009	Kisbiet ewlenin for 2009
	<p>d) li taċċellera l-ħolqien ta' konoxxenza ġdida, l-innovazzjoni u l-użu tar-riċerka bi prova tat-teknoloġiji rilevanti u sistema ta' sistemi kompletament integrata, fl-ambjent operattiv adegwat, li jwasslu għal kompetittività industrijali aktar b'saħħitha.</p> <p>h) tiżgura l-provvista ta' kuntratti għal servizzi u għal provvisti, fejn ikun adegwat, permezz ta' Sejnhiet għal Offerti;</p> <p>i) timmobilizza l-finanzjament meħtieġ mis-settur pubbliku u dak privat;</p> <p>j) tikkonsulta mal-attivitajiet nazzjonali u internazzjonali fil-qasam tekniku tal-Impriża Konġunta, b'mod partikolari mal-Impriża Konġunta SESAR;</p> <p>k) tinforma, permezz ta' laqgħat perijodiċi lill-Grupp ta' Rappreżentanti tal-Istati Nazzjonali u tinvolvi lil ACARE;</p> <p>l) tinnotifika entitajiet ġuridiċi li jkunu kkonkludew ftehim dwar għotja mal-Impriża Konġunta "Clean Sky", bl-oppunitajiet potenzjali għal self mill-Bank ta' Investiment Ewropew, b'mod partikolari il-Faċilità ta' Finanzjament għall-Qsim tar-Riskju stabbilita skont is-Seba ' Programm Kwadru;</p> <p>m) tistimula l-involviment ta' SMEs fl-attivitajiet tagħha, skont l-oġettivi tas-Seba ' Programm Kwadru għar-Riċerka; f'dan ir-rigward l-Impriża Konġunta "Clean Sky" għandha tistabbilixxi miri kwantitattivi rilevanti skont dawk stabbiliti fis-Seba ' Programm Kwadru;</p> <p>n) tiżviluppa kooperazzjoni mill-qrib u tiżgura koordinazzjoni ma' attivitajiet Ewropej (b'mod partikolari l-Programm Kwadru), nazzjonali u transnazzjonali relatati.</p>	<p>(a) kull Membru tal-Impriża Konġunta "Clean Sky";</p> <p>(b) kull Imsieħeb.</p> <p><b>5 — Direttur Eżekuttiv</b></p> <p>Id-Direttur Eżekuttiv għandu jkun responsabbli għat-tmexxija ġenerali tal-Impriża Konġunta "Clean Sky" u huwa r-rappreżentant ġuridiku tagħha. Għandu jirraporta u jirrispondi għal għemilu lill-Bord ta' Tmexxija.</p> <p><b>6 — Verifika esterna</b></p> <p>Il-Qorti tal-Awdituri.</p> <p><b>7 — Awtorità ta' Kwittanza:</b></p> <p>Il-Parlament fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill.</p>		<p>— It-tnedija tal-ewwel sejħa ta' proposti u selezzjoni rilevanti (57 suġġett);</p> <p><b>Kisbiet oħra ewlenin:</b></p> <p>— L-awtonomija ta' Clean Sky inkisbet fis-16 ta' Novembru 2009;</p> <p>— Proċedura konġunta għall-akkwiżizzjoni ta' stabbiliment finali biex jospita lil Clean Sky tnediet flimkien mal-erba ' JTIs oħra.</p>

## IR-RISPOSTI TAL-IMPRIŻA KONĠUNTA

### Implimentazzjoni tal-baġit

#### Paragrafu 17

Clean Sky tirrikonoxxi d-dgħjufijiet imsemmija rigward il-Baġit u l-Pjan ta' Stabbiliment u minn dakinhar solviet din is-sitwazzjoni b'deċiżjonijiet ġodda fuq dawn il-punti tal-Bord Governattiv għall-Baġit tal-2010.

#### Paragrafu 18

Clean Sky tirrikonoxxi r-rata baxxa ta' implimentazzjoni għall-ħlasijiet fl-2009, li kienet konsegwenza tal-fażi tal-bidu tal-IK. Wara li r-reklutaġġ kollu kien sar sa April 2010, Clean Sky ħadet passi biex tħallas fi żmien sodisfaċenti l-pagamanti għall-prefinanzjament mill-2010.

#### Paragrafu 19

Il-fażi tal-bidu tal-programm Clean Sky wasslet għal xi nuqqas ta' implimentazzjoni tal-baġit. L-Impriża Konġunta indirizzat il-ħtieġa għal titjib fuq dan il-punt mal-imsieħba industrijal tagħha u qed tinforza l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-baġit għall-2010.

### Preżentazzjoni tal-kotba: il-kontribuzzjonijiet tal-membri

#### Paragrafi 20-22

L-Impriża Konġunta Clean Sky għandha l-ħsieb li tkompli ssir konformi mal-approċċ armonizzat tal-IK kollha u tilqa' kull gwida f'dan ir-rigward.

### Sistemi Interni ta' Kontroll

#### Paragrafu 23

Clean Sky ser tkompli tiżviluppa l-kontrolli interni tagħha u qiegħda ddaħħal fis-seħħ metodi effiċjenti u konsistenti ta' xogħol li jikkonsidraw l-Istandards ta' Kontroll Intern tas-CS għall-ġestjoni effettiva, permezz ta' proċess ta' approċċ kompensiv.

#### Paragrafu 24

L-uffiċjal ta' Kontabilità kkonsidra l-kummenti tal-Qorti rigward il-validazzjoni tal-proċessi ta' negozju relatati u s-sistema ta' kontabilità u inkorpora stqarrija rigward il-validazzjoni tas-sistemi fiċ-Ċertifikat tal-Uffiċjal ta' Kontabilità fil-kontijiet Finali. Hija ser tkompli taħdem fuq dan fl-2010 peress li dawn il-proċessi jibdeu jimmaturaw.

#### Paragrafu 25

Clean Sky tikkonsidra l-kument tal-Qorti u qed tieħu passi biex ittejjeb il-proċessi u l-politiki tal-IT. L-aspetti ta' tkompli tan-negozju qegħdin jiġu żviluppatti flimkien ma' Impriżi Konġunti oħra, li magħhom Clean Sky taqşam tal-infrastruttura tal-IT tagħha.

#### Paragrafu 26

Clean Sky għandha l-ħsieb issegwi l-proċedura msemmija fil-Ftehim ta' Finanzjament mal-Kummissjoni Ewropea għat-talbiet ta' installazzjonijiet tagħha fil-futur. Fl-2010, twaqqaf mekkaniżmu għas-sorveljanza tat-tbassir tal-flejjes fl-idejn.

### Il-Funzjoni ta' Verifika Interna u s-Servizz ta' Verifika Interna tal-Kummissjoni

#### Paragrafi 27-28

Clean Sky indirizzat dil-problema mas-Servizz ta' Verifika Interna tal-Kummissjoniu u ma' DG Riċerka f'nota konġunta maħruġa f'Marzu 2010 mid-Diretturi Eżekuttivi ta' Clean Sky u l-Inizjattiva ta' Impriża Konġunta għal Mediċini Innovattivi.

**Nuqqas ta' ftehim ta' Stat Ospitanti***Paragrafu 29*

Clean Sky tkompli tikkoopera għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' ftehim ta' Stat Ospitanti u tistenna l-eżitu tal-passi li jmiss fuq il-proċedura biex ikollha ftehim iffirmat.

---



**RAPPORT**

**dwar il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta tal-Inizjattiva tal-Mediċini Innovattivi għas-sena  
finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2009, flimkien mar-risposti tal-Impriża Konġunta**

(2010/C 342/03)

**WERREJ**

	<i>Paragrafu</i>	<i>Paġna</i>
INTRODUZZJONI .....	1-5	16
ID-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI .....	6-15	16
KUMMENTI DWAR IL-ĠESTJONI TAL-BAĠIT U DIK FINANZJARJA .....	16-19	17
KWISTJONIJIET OĦRA .....	20-25	17
Tabella .....		18
<b>Ir-risposti tal-Impriża Konġunta .....</b>		<b>21</b>

## INTRODUZZJONI

1. L-Impriża Konġunta Ewropea għall-implimentazzjoni tal-Impriża Konġunta tal-Inizjattiva tal-Mediċini Innovattivi (L-Impriża Konġunta IMI), tinsab fi Brussel u twaqqfet f'Diċembru 2007 <sup>(1)</sup> għal perjodu ta' 10 snin.
2. Il-membri fundaturi tal-Impriża Konġunta huma l-Unjoni Ewropea rappreżentata mill-Kummissjoni u l-Federazzjoni Ewropea tal-Industriji u l-Assoċjazzjonijiet Farmaċewtiċi (EFPIA).
3. L-objettiv tal-Impriża Konġunta IMI huwa li ttejjeb b'mod sinifikanti l-effiċjenza u l-effettività tal-proċess ta' żvilupp tal-mediċini bil-għan li fuq terminu ta' żmien twil is-settur farmaċewtiku jipproduċi mediċini innovattivi aktar effettivi u siguri (ara t-**Tabella**).
4. Il-kontribuzzjoni massima tal-UE lill-Impriża Konġunta IMI biex jiġu koperti l-ispejjeż kurrenti u l-attivitajiet tar-riċerka hija ta' EUR biljun li jridu jitħallsu mis-Seba' Programm Qafas tar-Riċerka. L-UE u l-EFPIA, bħala membri fundaturi, suppost li għandhom jikkontribwixxu b'mod ugwali għall-ispejjeż tal-ġestjoni, b'kull wieħed jikkontribwixxi ammont li ma jeċċedix l-4 % tal-kontribuzzjoni totali tal-UE. Membri oħra għandhom jikkontribwixxu l-ispejjeż tal-ġestjoni proporzjonalment mal-kontribuzzjoni tagħhom għall-attivitajiet tar-riċerka. Il-kumpaniji tar-riċerka li huma membri tal-EFPIA għandhom jikkontribwixxu għall-finanzjament ta' attivitajiet ta' riċerka permezz ta' kontribuzzjonijiet *in natura* minn tal-inqas ugwali għall-kontribuzzjoni finanzjarja tal-UE. Membri ġodda għandhom ukoll jipprovdu finanzjament għall-attivitajiet tar-riċerka.
5. L-Impriża Konġunta bdiet taħdem b'mod awtonomu fis-16 ta' Novembru 2009.

### ID-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

6. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Qorti vverifikat il-kontijiet annwali <sup>(2)</sup> tal-Impriża Konġunta, li jikkonsistu fir-"rendikonti finanzjarji" <sup>(3)</sup> u fir-"rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit" <sup>(4)</sup> għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2009 u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet.

7. Din id-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni hija indirizzata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skont l-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 <sup>(5)</sup>

### Ir-responsabbiltà tad-Direttur

8. Bħala uffiċjal li jawtorizza, id-Direttur jimplementa d-dħul u l-infiq tal-baġit skont ir-regoli finanzjarji tal-Impriża Konġunta <sup>(6)</sup> li taqa' taħt ir-responsabbiltà tiegħu u fi ħdan il-limiti tal-appropriazzjonijiet awtorizzati <sup>(7)</sup>. Id-Direttur huwa responsabbli mit-twaqqif <sup>(8)</sup> tal-istruttura organizzattiva u s-sistemi u l-proċeduri tal-ġestjoni u l-kontroll interni rilevanti biex jiġu ppreparati kontijiet finali <sup>(9)</sup> li huma ħielsa minn dikjarazzjoni żbaljata materjali, kemm jekk minħabba frodi jew inkella żball, u biex jiżgura li t-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawn il-kontijiet huma legali u regolari.

### Ir-responsabbiltà tal-Qorti

9. Ir-responsabbiltà tal-Qorti hija li tipprovdi, abbażi tal-verifika tagħha, dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li huma bbażati fuqhom.

10. Il-Qorti wettqet il-verifika tagħha skont l-Istandards Internazzjonali tal-Verifika u l-Kodiċi tal-Etika tal-IFAC u tal-ISSAI <sup>(10)</sup>. Dawk l-istandards jitolbu li l-Qorti tikkonforma mar-rekwiżiti tal-etika u li tippjana u twestaq il-verifika biex tikseb assigurazzjoni raġonevoli dwar jekk il-kontijiet humiex ħielsa minn dikjarazzjoni żbaljata materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet ta' bażi humiex legali u regolari.

11. Il-verifika tal-Qorti tinvolvi t-tweqqif ta' proċeduri sabiex tinkiseb evidenza tal-verifika dwar l-ammonti u t-tagħrif il-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li huma bbażati fuqhom. Il-proċeduri magħżula jiddependu fuq l-evalwazzjoni tagħha tal-verifika inkluża l-valutazzjoni tar-riskji ta' dikjarazzjoni żbaljata materjali fil-kontijiet jew ta' tranżazzjonijiet illegali jew irregolari, kemm jekk minħabba frodi jew inkella żball. Meta tagħmel dawk il-valutazzjonijiet tar-riskju, il-kontroll intern rilevanti għall-preparazzjoni u l-preżentazzjoni tal-kontijiet tal-entità jiġi kkunsidrat sabiex jitfasslu proċeduri tal-verifika li huma xierqa fiċ-ċirkostanzi. Il-verifika tal-Qorti tinkludi wkoll evalwazzjoni tal-adegwatezza tal-politika tal-kontabilità użata, tar-raġonevolezza tal-estimi tal-kontabilità magħmula mill-maniġment u kif ukoll evalwazzjoni tal-preżentazzjoni tal-kontijiet inġenerali.

12. Il-Qorti tqis li l-evidenza tal-verifika miksuba hija biżżejjed u xierqa biex tipprovdi bażi għall-opinjoni ta' t'hawn taħt.

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2008 tal-20 ta' Diċembru 2007 li jstabbilixxi l-Impriża Konġunta għall-Implimentazzjoni tal-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta dwar il-Mediċini Innovattivi (ĠU L 30, 4.2.2008, p. 38).

<sup>(2)</sup> Dawn il-kontijiet huma akkumpanjati minn rapport dwar il-ġestjoni tal-baġit u dik finanzjarja matul is-sena li, fost l-oħrajn, jagħti rendikont tar-rata ta' implimentazzjoni tal-appropriazzjonijiet flimkien ma' informazzjoni fil-qosor dwar it-trasferimenti ta' appropriazzjonijiet fost il-partiti varji tal-baġit.

<sup>(3)</sup> Ir-rendikonti finanzjarji jinkludu l-karta tal-bilanċ u l-kont tar-riżultat ekonomiku, kif ukoll deskrizzjoni tal-politika tal-kontabilità prinċipali u informazzjoni oħra ta' spjegazzjoni.

<sup>(4)</sup> Ir-rapporti tal-implimentazzjoni tal-baġit jikkonsistu fil-kont tar-riżultat tal-baġit u finformazzjoni oħra ta' spjegazzjoni.

<sup>(5)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>(6)</sup> Ir-Regoli Finanzjarji tal-Impriża Konġunta IMI adottati bid-Deċiżjoni tal-Bord ta' Tmexxija tagħha fit-2 ta' Frar 2009.

<sup>(7)</sup> L-Artikolu 33 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 (ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72).

<sup>(8)</sup> L-Artikolu 38 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2343/2002.

<sup>(9)</sup> Ir-regoli dwar il-preżentazzjoni tal-kontijiet u tal-kontabilità mill-Aġenziji huma stabbiliti fil-Kapitolu 1 tat-Titolu VI tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2343/2002 kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 652/2008 tad-9 ta' Lulju 2008 (ĠU L 181, 10.07.2008, p. 23) u huma inkorporati fir-Regoli Finanzjarji tal-Impriża Konġunta IMI.

<sup>(10)</sup> Il-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti (IFAC) u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Verifika (ISSAI).

**L-opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet**

13. Fl-opinjoni tal-Qorti, il-Kontijiet Annwali tal-Impriża Konġunta jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2009 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha u tal-likwidità tagħha għas-sena li ntemmet, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tagħha.

**L-opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet**

14. Fl-opinjoni tal-Qorti, it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta IMI għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2009, fl-aspetti materjali kollha huma legali u regolari.

15. Il-kummenti li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjoni tal-Qorti.

**KUMMENTI DWAR IL-ĠESTJONI TAL-BAĠIT U DIK FINANZJARJA****L-implimentazzjoni tal-baġit**

16. Il-baġit finali kin jinkludi approprijazzjonijiet ta' impenn ta' EUR 82 miljun u approprijazzjonijiet ta' pagament ta' EUR 82 miljun. Minħabba li sal-aħħar tal-2009 f'it attivitajiet tal-proġetti kienu nbdew, il-baġit għall-pagamenti ma kienx realistiku. Fil-fatt, filwaqt li r-rata ta' użu għall-appropriazzjonijiet tal-impenn kienet 97 %, ir-rata tal-appropriazzjonijiet tal-pagament kienet biss 1 %.

**Preżentazzjoni tal-kontijiet: kontribuzzjonijiet mill-membri**

17. Il-Qorti tinnotta li l-attivitajiet tal-Impriża Konġunti tal-UE huma ffinanzjati b'kontribuzzjonijiet mill-membri tagħhom, u li l-Intrapriżi Konġunti fil-fatt m'għandhom ebda kapital. Il-Qorti rrakkomandat li din il-karatteristika speċifika tal-Intrapriżi Konġunti tiġi ppreżentata b'mod ċar fil-kontijiet.

18. Il-Qorti għalhekk tilqa' l-fatt li, skont ir-Regola 1 tal-Kontabilità tal-UE (Kontabilità tal-Gruppi), il-kontribuzzjonijiet mill-membri huma ppreżentati taħt l-Attivi Netti fil-Karti tal-Bilanċ tal-Intrapriżi Konġunti, u li informazzjoni ulterjuri dwar in-natura tal-kontribuzzjonijiet hija mogħtija fin-Noti għall-Kontijiet.

19. Il-Qorti tikkunsidra li l-preżentazzjoni tal-kontribuzzjonijiet mill-membri fil-Kontijiet għall-Impriża Konġunti għandhom jiġu armonizzati safejn huwa possibbli u tinnotta l-intenzjoni tal-Kummissjoni li toħroġ gwida dettaljata dwar dan għall-Intrapriżi Konġunti.

**KWISTJONIJET OĦRA****Sistemi ta' kontroll intern**

20. L-Impriża Konġunta għadha kemm bdiet u matul l-2009 kienet għadha ma implimentatx il-kontrolli interni u s-sistemi ta' informazzjoni finanzjarja tagħha. Fl-aħħar tas-sena, il-proċessi li fuqhom huwa bbażat il-kummerċ kienu għadhom ma ġewx ifformalizzati u kienu għadhom ma ġewx ivalidati mill-Uffiċjal tal-Kontabilità hekk kif meħtieġ mir-Regoli Finanzjarji tal-Impriża Konġunta.

21. B'mod partikolari, hemm bżonn li jsir aktar xogħol fid-dokumentazzjoni tal-proċessi u l-attivitajiet tal-IT, u d-deskrizzjoni tar-riskji tal-IT. Barra minn hekk l-Impriża Konġunta kienet għadha ma żviluppax Pjan ta' Kontinwità tal-Kummerċ u lanqas politika tal-protezzjoni tad-data fl-2009.

**Nuqqas ta' ftehim dwar l-ospitalità**

22. Skont ir-Regolament tal-Kunsill li jwaqqaf l-Impriża Konġunta għall-IMI, għandu jiġi konkluż ftehim dwar l-ospitalità bejn l-Impriża Konġunta għall-IMI u l-Belġju dwar l-akkomodazzjoni għall-uffiċċji, il-privileġġi u l-immunitajiet u appoġġ ieħor li għandu jipprovdi l-Belġju lill-Impriża Konġunta. Iżda, sal-aħħar tal-2009 ebda ftehim bħal dan kien għadu ma sar.

**Il-Funzjoni tal-Verifika Interna u s-Servizz tal-Verifika Interna tal-Kummissjoni**

23. L-Artikolu 73 tar-Regoli Finanzjarji tal-Impriża Konġunta jistipola li l-Impriża Konġunta għandha jkollha funzjoni tal-verifika interna li għandu jkun konformi mal-istandards internazzjonali relevanti. Iżda, sal-aħħar tal-2009, dan l-element importanti tas-sistema ta' kontroll intern kien għadu ma ġiex stabbilit.

24. Bi qbil mal-opinjoni espressi fl-Opinjoni tagħha Nru 4/2008 dwar ir-Regolament Finanzjarju Impriża Konġunta tal-Enerġija mill-Fużjoni u Nru 2/2010 dwar ir-Regolament Finanzjarju tal-Impriża Konġunta ta' SESAR, il-Qorti tikkunsidra li d-dispożizzjoni preżenti fl-Istatuti tal-Impriża Konġunta dwar ir-rwol tal-awditur intern tal-Kummissjoni għandha tiġu ċċarata.

25. L-Artikolu 10 tal-Istatuti tal-Impriża Konġunta IMI jiddikjara li l-funzjonijiet tal-awditur intern tal-Kummissjoni għandhom jitwettqu taħt ir-responsabbiltà tal-Bord ta' Tmexxija tal-Impriża Konġunta. Arranġament bħal dan huwa xieraq għall-funzjoni ta' verifika interna fi ħdan l-Impriża Konġunta imma mhux għall-awditur intern tal-Kummissjoni, li r-responsabbiltajiet tiegħu għandhom x'jaqsmu mal-baġit ġenerali tal-UE fl-intier tiegħu.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla II, immexxija mis-Sur Morten LEVYSOHN, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu, fil-laqgħa tagħha tal-20 ta' Ottubru 2010.

Għall-Qorti tal-Awdituri

Vitor Manuel da SILVA CALDEIRA

President

**Impriża Konġunta tal-Inizjattiva tal-Mediċini Innovattivi (Brussell)**

Oqsma ta' kompetenza tal-Unjoni stipulati mit-Trattat	Kompetenza tal-Impriża Konġunta kif definiti fir-Regolament tal-Kunsill 73/2008	Tmexxija	Riżorsi disponibbli għall-Impriża Konġunta fl-2009	Kisbiet prinċipali għall-2009	
<p><i>Trattat tal-Funzjona-ment tal-Unjoni Ewropea</i></p> <p>Titolu XIX "Ir-Riċerka, l-Iżvilupp Teknoloġiku u l-Ispazju".</p> <p>L-Artikolu 187 (l-eks Artikolu 171 TKE) jistabbilixxi li:</p> <p>L-Unjoni tista' toħloq impriżi komuni [konġunti] jew kull struttura oħra neċessarja għall-esekuzzjoni [eżekuzzjoni] effiċjenti tal-programmi tar-riċerka ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimonstrazzjoni tal-Unjoni.</p> <p>L-Artikolu 188.1 (l-eks Artikolu 172.1 TKE) jistabbilixxi li:</p> <p>Il-Kunsill fuq proposta mill-Kummissjoni u wara li jikkonsulta l-Parlament Ewropew u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, għandu jadotta d-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 187.</p>	<p><b>Objettivi</b></p> <p>L-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill 73/2008 jistabbilixxi li:</p> <p>L-Impriża Konġunta għall-IMI għandha tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tas-Seba' Programm Kwadru [Qafas] u b'mod partikolari t-Tema "Saħħa" tal-Programm Speċifiku Kooperazzjoni li jimplementa s-Seba' Programm Kwadru. Hija għandha jkollha l-objettiv li ttejjeb b'mod sinifikanti l-effiċjenza u l-effettività tal-proċess ta' żvilupp tal-mediċini bil-għan fuq perjodu fit-tul li s-settur farmaċewtiku jipproduċi mediċini innovattivi aktar effettivi u siguri. B'mod partikolari, hi għandha:</p> <p>(a) tappoġġa "ir-riċerka u l-iżvilupp farmaċewtiċi prekompetittivi" fl-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati mas-Seba' Programm Kwadru permezz ta' approċċ ikkoordinat sabiex jingħelbu l-ostakoli fir-riċerka identifikati fil-proċess tal-iżvilupp tal-mediċini;</p> <p>(b) tappoġġa l-implimentazzjoni tal-prijoritajiet ta' riċerka kif stabbiliti mill-Aġenda ta' Riċerka tal-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta dwar "Mediċini Innovattivi" (minn hawn 'il quddiem imsejħa "Attivitajiet ta' Riċerka"), b'mod</p>	<p><b>Tasks</b></p> <p>L-Artikolu 1 tal-Istatuti annessi mar-Regolament tal-Kunsill jistabbilixxi li:</p> <p>Il-kompiti u l-attivitajiet prinċipali tal-Impriża Konġunta IMI għandhom ikunu:</p> <p>(a) li jiġu żgurati l-istabbiliment u l-ġestjoni sostenibbli tal-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta dwar "Mediċini Innovattivi";</p> <p>(b) li jiġi definit u mwettaq il-pjan ta' implimentazzjoni annwali msemmi fl-Artikolu 18 permezz ta' sejħiet għal proġetti;</p> <p>(c) li ssir revizzjoni regolari u jsiru l-aġġustamenti meħtieġa għall-Aġenda ta' Riċerka tal-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta dwar Mediċini Innovattivi fid-dawl ta' żviluppi xjentifiċi li jseħħu waqt l-implimentazzjoni tagħha;</p> <p>(d) li r-riżorsi meħtieġa tas-settur pubbliku u privat jiġu mobilizzati;</p> <p>(e) li tiġi stabbilita u żviluppata kooperazzjoni mill-qrib u għall-perjodu fit-tul bejn l-Unjoni, l-industrija u l-partijiet interessati l-oħra bħal korpi regolatorji,</p>	<p><b>1 — Bord ta' Tmexxija</b></p> <p>Il-Bord ta' Tmexxija huwa l-korp prinċipali li jieħu d-deċizzjonijiet tal-Impriża Konġunta IMI u għandu jkun responsabbli mis-sorveljanza tal-Impriża Konġunta fil-kisba tal-objettivi tagħha. Huwa jiżgura kollaborazzjoni bejn l-Impriża Konġunta u l-Membri tagħha fl-implimentazzjoni tal-attivitajiet tagħha. Huwa għalhekk jigarantixxi l-ilhuf tal-objettivi stabbiliti mill-Impriża Konġunta IMI, partikolarment billi jingħelbu ostakli fir-riċerka u l-iżvilupp farmaċewtiċi u billi jappoġġa r-riċerka biomedika għall-benefiċċju tal-pazjenti.</p> <p><b>2 — Direttur Eżekuttiv</b></p> <p>Id-Direttur Eżekuttiv – maħtur mill-Bord ta' Tmexxija - għandu jkun il-kap eżekuttiv responsabbli mill-ġestjoni ta' kuljum tal-Impriża Konġunta għall-IMI skont id-deċizzjonijiet tal-Bord ta' Tmexxija. F'dak il-kuntest, hu għandu jinfurma regolarment lill-Bord ta' Tmexxija u lill-Kumitat Xjentifiku kif ukoll iwieġeb għal kwalunkwe talba speċifika <i>ad hoc</i> tagħhom għal informazzjoni. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jkun ir-rappreżentant legali tal-Impriża Konġunta għall-IMI. Hu/hija għandu/ħa jwettaq/twettaq il-kompiti tiegħu/tagħha b'indipendenza sħiħa, u jkun/tkun responsabbli lejn il-Bord ta' Tmexxija.</p> <p><b>3 — Kumitat Xjentifiku</b></p> <p>Il-Kumitat Xjentifiku huwa korp konsultattiv għall-Bord ta' Tmexxija u</p>	<p><b>Baġit</b></p> <p>EUR 81,9 miljun ffinanzjati mill-Kontribuzzjoni tal-Unjoni u 50 % tal-ispejjeż tal-ġestjoni miġjuba mingħand EFPIA (0,5 miljun)</p> <p><b>Persunal fil-31 ta' Diċembru 2009</b></p> <p>29 kariga fil-pjan ta' Stabbiliment Annwali li minnhom 12 okkupati sal-31/12/2009 u assenjati għad-doveri li ġejjin:</p> <p>— Direttur Eżekuttiv: 1</p> <p>— Xjentifiċi: 3</p> <p>— Kompiti operazzjonali: 5</p> <p>— Kompiti amministrattivi: 3</p>	<p><b>Il-Kompożizzjoni tal-Impriża Konġunta IMI u t-tmexxija</b></p> <p>Il-Bord ta' Tmexxija ltaqa' 3 darbiet;</p> <p>Il-Kumitat Xjentifiku wkoll iltaqa' 3 darbiet.</p> <p>Il-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati ltaqa' darbtejn.</p> <p>Id-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta, Michel Goldman, ġie maħtur mill-Bord ta' Tmexxija fl-10 ta' Ġunju 2009 u beda fil-pożizzjoni tiegħu fis-16 ta' Settembru 2009. Sa din id-data d-Direttur Eżekuttiv interim maħtur mill-Kummissjoni Ewropea, Alain Vanvossel, wettaq id-dmirijiet ta' Direttur Eżekuttiv Interim.</p> <p>Il-kompitu prinċipali għall-2009 kien l-ażżjonijiet preparatorji meħtieġa għall-awtonomija tal-Impriża Konġunta IMI li ġiet mogħtija fis-16 ta' Novembru 2009.</p> <p>Dawn l-ażżjonijiet inkludew b'mod partikolari r-reklutaġġ tal-persunal u t-tħejija tal-uffiċċji tal-Impriża Konġunta IMI u proċeduri għal azzjonijiet amministrattivi u operazzjonali.</p> <p>Permezz tal-awtonomija l-Impriża Konġunta IMI kellha l-kapaċità</p>

Oqsma ta' kompetenza tal-Unjoni stipulati mit-Trattat	Kompetenza tal-Impriża Konġunta kif definiti fir-Regolament tal-Kunsill 73/2008	Tmexxija	Riżorsi disponibbli għall-Impriża Konġunta fl-2009	Kisbiet prinċipali għall-2009	
	<p>partikolari permezz ta' għotjiet wara sejħiet kompetittivi għal proposti;</p> <p>(c) tiżgura l-komplimentarjetà ma' attivitajiet oħrajn tas-Seba' Programm Kwadru;</p> <p>(d) tkun sħubija pubblika-privata bil-għan li żżid l-investimenti tar-riċerka fis-settur bijofarmaceutiku, fl-Istati Membri u fil-pajjiżi assoċjati mas-Seba' Programm Kwadru billi jinġabru r-riżorsi u titrawwem il-kollaborazzjoni bejn is-setturi pubbliċi u privati</p> <p>(e) tippromwovi l-involvement tal-SMEs fl-attivitajiet tagħha, b'konformità mal-oġettivi tas-Seba' Programm Kwadru.</p>	<p>organizzazzjonijiet tal-pazjenti, l-akkademja u ċ-ċentri kliniċi, kif ukoll il-kooperazzjoni bejn l-industrija u l-akkademja;</p> <p>(f) li tiġi ffaċilitata l-koordinazzjoni mal-attivitajiet nazzjonali u internazzjonali f'dan il-qasam;</p> <p>(g) li jitwettqu attivitajiet ta' komunikazzjoni u disseminazzjoni;</p> <p>(h) li jkun hemm komunikazzjoni u interazzjoni mal-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati mas-Seba' Programm Kwadru permezz ta' grupp stabbilit speċifikament għal dan il-għan, il-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati għall-IMI;</p> <p>(i) li tiġi organizzata mill-anqas laqgħa annwali, minn hawn 'il quddiem imsejħa l-Forum tal-Partijiet Interessati mal-gruppi ta' interess biex jiġu żgurati ftuħ u trasparenza tal-Attivitajiet ta' Riċerka tal-Impriża Konġunta għall-IMI mal-partijiet interessati tagħha;</p> <p>(j) li jiġu avżati l-entitajiet ġuridiċi li jkunu kkonkludew ftehim ta' għotja, mal-Impriża Konġunta għall-IMI bl-oppunitajiet ta' self potenzjali mill-Bank Ewropew tal-Investment,</p>	<p>għandu jwettaq l-attivitajiet tiegħu b'kollaborazzjoni mill-qrib ma' u bl-appoġġ tal-Uffiċċju Eżekuttiv.</p> <p>Il-Kumitat Xjentifiku għandu jagħti pariri dwar l-Aġenda tar-Riċerka fuq il-prijoritajiet xjentifiċi għall-proposta tal-pjan ta' implimentazzjoni annwali u dwar il-kisbiet xjentifiċi deskritti fir-rapport ta' attività annwali.</p> <p>L-Impriża Konġunta IMI hija appoġġata wkoll minn żewġ korpi konsultattivi esterni:</p> <p><b>4 — Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati fl-IMI</b></p> <p>Il-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati fl-IMI għandu jikkonsisti minn rappreżentant wieħed ta' kull Stat Membru u ta' kull pajjiż assoċjat mal-Programm Kwadru. Il-Grupp tar-Rappreżentanti tal-Istati fl-IMI għandu jkollu rwol konsultattiv għall-Impriża Konġunta għall-IMI u għandu jaġixxi bħala l-kollegament bejn l-Impriża Konġunta għall-IMI u l-partijiet interessati rilevanti fil-pajjiżi rispettivi tagħhom.</p> <p><b>5 — Forum tal-Partijiet Interessati</b></p> <p>Il-Forum tal-Partijiet Interessati huwa laqgħa miftuħa għall-partijiet interessati kollha biex jingħataw il-kummenti u mlaqqa' mill-inqas darba fis-sena mid-Direttur Eżekuttiv.</p> <p><b>6 — Verifika Esterna</b></p> <p>Il-Qorti tal-Awdituri.</p>	<p>Riżorsi disponibbli għall-Impriża Konġunta fl-2009</p>	<p>operazzjonali li timplimenta l-baġit tagħha. Sa dan il-mument il-Kummissjoni Ewropea (KE) kienet responsabbli għall-istabbiliment u l-operazzjonijiet tal-bidu tal-Impriża Konġunta IMI b'kollaborazzjoni mal-Membr Fundatur l-ieħor skont l-Artikolu 16 tar-Regolament tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Impriża Konġunta IMI.</p> <p><b>Sejħa għall-Proposti u tmexxija tal-Proġetti</b></p> <p>L-ewwel Sejħa għall-porposti, varata fl-2008 – ġiet finalizzata u ġew magħżula l-5-il proposta għall-proġetti fil-proċess ta' sejħa f'żewġ stadji bl-assistenza ta' esperti indipendenti. Maġġoranza ta' Ftehimiet tal-Għotja ntbagħtet lill-Koordinaturi tal-Proġetti għall-firma u 10 minnhom bdew sal-aħħar tas-sena.</p> <p>It-tieni sejħa għall-proposti tal-Impriża Konġunta ġiet varata fis-27 ta' Novembru 2009 bl-iskadenza għall-ewwel stadju fi Frar 2010.</p> <p><b>Infrastruttura tal-IT</b></p> <p>Twaqqfet l-infrastruttura tal-IT fil-lok temporanju tal-Impriża Konġunta IMI. Din se tiġi ddisinjata mill-ġdid u se titwaqqaf mill-ġdid fil-bini futur.</p>

Oqsma ta' kompetenza tal-Unjoni stipulati mit-Trattat	Kompetenza tal-Impriża Konġunta kif definiti fir-Regolament tal-Kunsill 73/2008	Tmexxija	Riżorsi disponibbli għall-Impriża Konġunta fl-2009	Kisbiet prinċipali għall-2009
		<p>b'mod partikolari l-Faċilità għat-Tqassim tar-Riskju Finanzjarju stabbilita skont is-Seba' Programm Kwadru.</p> <p>(k) li tiġi ppubblikata informazzjoni dwar il-proġetti, inkluż isem il-parteċipanti u l-ammont ta' kontribuzzjoni finanzjarja kull parteċipant għall-Impriża Konġunta IMI;</p> <p>(l) li tiġi żgurata l-effiċjenza tal-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta dwar "Mediċini Innovattivi";</p> <p>(m) li titwettaq kwalunkwe attività oħra meħtieġa biex jinkisbu l-objettivi msemmija fl-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament.</p>	<p><b>7 — Awtorità ta' Kwittanza</b></p> <p>Il-Parlament fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill.</p>	<p>L-għodda tal-preżentazzjoni ġiet iddisinjata kompletament mill-ġdid b'modulu dedikat disponibbli pubblikament għal konsorzji applikanti li jippermetti l-preżentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-Espressjonijiet ta' Interess (stadju 1 tas-Sejħiet għall-proposti).</p> <p><b>Komunikazzjoni</b></p> <p>Matul l-2009 saru tliet avvenimenti kbar tal-komunikazzjoni. Sar avveniment għall-istampa fl-14 ta' Settembru fl-okkażjoni tal-preżentazzjoni tad-Direttur Eżekuttiv il-ġdid, u għall-preżentazzjoni tas-suġġetti tat-tieni sejħa għall-proposti tal-IMI.</p> <p>Saret ġurnata ta' informazzjoni fis-17 ta' Novembru fejn l-applikanti potenzjali ġew infurmati dwar it-tieni Sejħa.</p> <p>Fil-15 ta' Diċembru sar Avveniment dwar l-awtonomija.</p>

Sors: Informazzjoni mogħtija mill-Impriża Konġunta.

**IR-RISPOSTI TAL-IMPRIŻA KONĠUNTA****Implimentazzjoni tal-baġit**

*Paragrafu 16*

L-Impriża Konġunta IMI tagħraf ir-rata baxxa ta' implimentazzjoni għall-ħlasijiet fl-2009, li kienet konsegwenza tal-fażi tal-bidu tal-impriża konġunta.

**Sistemi Interni ta' Kontroll**

*Paragrafi 20-21*

L-Impriża Konġunta IMI rrikonoxxiet il-kummenti tal-Qorti. L-Impriża Konġunta tkompli tiżviluppa l-kontrolli interni tagħha u qed tieħu passi biex tindirizza l-punti msemmija mill-Qorti.

**Nuqqas ta' ftehim ta' Stat Ospitanti**

*Paragrafu 22*

L-IMI Impriża Konġunta tkompli tikkopera għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' ftehim ta' Stat Ospitanti u tistenna l-eżitu tal-passi li jmiss fuq il-proċedura biex ikollha ftehim iffirmat.

**Il-Funzjoni ta' Verifika Interna u s-Servizz ta' Verifika Interna tal-Kummissjoni**

*Paragrafu 23*

Għandu jinħatar awditur intern b'effett minn Novembru 2010.

---

**RAPPORT**

**dwar il-kontijiet annwali tal-Intrapriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2009 flimkien mar-risposti tal-Intrapriża Konġunta**

(2010/C 342/04)

**WERREJ**

	<i>Paragrafu</i>	<i>Pàġna</i>
INTRODUZZJONI .....	1-4	23
ID-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI .....	5-14	23
KUMMENTI DWAR IL-ĠESTJONI TAL-BAĠIT U DIK FINANZJARJA .....	15-18	24
KWISTJONIJET OĦRAJN .....	19-33	24
Tabella .....		26
<b>Ir-risposti tal-Intrapriża Konġunta .....</b>		<b>27</b>



## INTRODUZZJONI

1. L-Intrapriża Konġunta Ewropea għall-ITER <sup>(1)</sup> u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni twaqqfet f'Marzu 2007 <sup>(2)</sup> għal perjodu ta' 35 sena. Filwaqt li l-faċilitajiet tal-fużjoni prinċipali għandhom jiġu żviluppati f'Cadarache fi Franza, l-Intrapriża Konġunta tinsab f'Barcellona.

2. Il-Membri tal-Intrapriża Konġunta huma l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom) rrappreżentata mill-Kummissjoni Ewropea, l-Istati Membri tal-Euratom u pajjiżi oħra li kkonkludew ftehimiet ta' koperazzjoni mal-Euratom fil-qasam tal-fużjoni nukleari kkontrollata u li esprimew ix-xewqa tagħhom li jsiru Membri (fil-31 ta' Diċembru 2009: L-Iżvizzera).

3. Il-kompiti tal-Intrapriża Konġunta huma (ara wkoll it-Tabella):

- a) li tipprovdi l-kontribuzzjoni tal-EURATOM lill-Organizzazzjoni Internazzjonali ITER għall-Enerġija mill-Fużjoni <sup>(3)</sup>;
- b) li tipprovdi l-kontribuzzjoni tal-EURATOM lill-Attivitajiet ta' "Approċċ Aktar Wiesa" (attivitajiet komplementari u konġunti ta' riċerka dwar il-fużjoni) mal-Ġappun għall-ħolqien rapidu tal-enerġija mill-fużjoni;
- c) li tħejji u tikkordina programm ta' attivitajiet bi tħejji għall-bini ta' reattur tal-fużjoni ta' dimostrazzjoni u faċilitajiet relatati inkluża l-Faċilità Internazzjonali għall-Irradjazzjoni tal-Materjali ta' Fużjoni (International Fusion Materials Irradiation Facility).

4. Meta twaqqfet l-Intrapriża Konġunta, ir-riżorsi totali li kienu meqjusa neċessarji għall-perjodu 2007 sal-2041 kienu ta' EUR 9 653 miljun. Il-kontribuzzjoni totali minn Euratom ġiet stabbilita bħala EUR 7 649 miljun, li minnha massimu ta' 15 % huma għan-nefqa amministrattiva. Riżorsi oħrajn jikkonsistu f'kontribuzzjonijiet mill-istat li jilqa' l-faċilitajiet tal-ITER (Franza), il-kontribuzzjonijiet tas-sħubija annwali, kontribuzzjonijiet volontarji minn Membri oħra għajr il-Euratom u riżorsi addizzjonali li jridu jiġu rċevuti skont it-termini approvati mill-Bord ta' Tmexxija. Il-Qorti tiġbed l-attenzjoni li hemm bżonn li r-riżorsi għall-proġett tal-ITER jiġdiedu b'mod sostanzjali (ara l-paragrafi 31 sa 33).

<sup>(1)</sup> ITER: Reattur Esperimentali Internazzjonali Termonukleari.

<sup>(2)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/198/Euratom tas-27 ta' Marzu 2007 li twaqqaf l-Intrapriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni u tagħtiha vantaġġi (ĠU L 90, 30.3.2007, p. 58).

<sup>(3)</sup> L-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Enerġija mill-Fużjoni ITER twaqqfet f'Ottubru 2007 għal perjodu inizjali ta' 35 sena biex timplimenta l-proġett ITER, li jimmira li juri l-fattibbiltà xjentifika u teknoloġika tal-enerġija mill-fużjoni. Il-Membri huma l-Euratom, il-Gvern tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina, ir-Repubblika tal-Indja, il-Ġappun, ir-Repubblika tal-Korea, il-Federazzjoni tar-Russja u l-Istati Uniti tal-Amerika.

## ID-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

5. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Qorti vverifikat il-kontijiet annwali <sup>(4)</sup> tal-Intrapriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni, li jikkonsistu fir-"rendikonti finanzjarji" <sup>(5)</sup> u fir-"rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit" <sup>(6)</sup> għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2009 u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet.

6. Din id-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni hija indirizzata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, skont l-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 <sup>(7)</sup>.

### Ir-responsabbiltà tad-Direttur

7. Bħala uffiċjal li jawtorizza, id-Direttur jimplementa d-dħul u l-infiq tal-baġit skont ir-regoli finanzjarji tal-Intrapriża Konġunta <sup>(8)</sup> li taqa' taħt ir-responsabbiltà tiegħu u fi ħdan il-limiti tal-approprijazzjonijiet awtorizzati <sup>(9)</sup>. Id-Direttur huwa responsabbli mit-twaqqif <sup>(10)</sup> tal-istruttura organizzattiva u sistemi u l-proċeduri tal-ġestjoni u l-kontroll interni rilevanti biex jiġu ppreparati kontijiet finali <sup>(11)</sup> li huma ħielsa minn dikjarazzjoni żbaljata materjali, kemm jekk minħabba frodi jew inkella żball, u biex jiżgura li t-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet huma legali u regolari.

### Ir-responsabbiltà tal-Qorti

8. Ir-responsabbiltà tal-Qorti hija li tipprovdi, abbażi tal-verifika tagħha, dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali tal-Intrapriża Konġunta u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li huma bbażati fuqhom.

<sup>(4)</sup> Dawn il-kontijiet huma akkumpanjati minn rapport dwar il-ġestjoni tal-baġit u dik finanzjarja matul is-sena li, fost l-oħrajn, jagħti rendikont tar-rata ta' implimentazzjoni tal-approprijazzjonijiet flimkien ma' informazzjoni fil-qosor dwar it-trasferimenti tal-approprijazzjonijiet fost il-partiti varji tal-baġit.

<sup>(5)</sup> Ir-rendikonti finanzjarji jinkludu l-karta tal-bilanċ u l-kont tar-riżultat ekonomiku, it-tabella tal-likwidità, ir-rendikont tat-tibdil fil-kapital u l-anness għar-rendikonti finanzjarji li jinkludi d-deskrizzjoni tal-politika tal-kontabilità prinċipali u informazzjoni oħra ta' spjegazzjoni.

<sup>(6)</sup> Ir-rapporti tal-implimentazzjoni tal-baġit jikkonsistu fil-kont tar-riżultat tal-baġit u fl-anness tiegħu.

<sup>(7)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>(8)</sup> Ir-Regolament Finanzjarju tal-Intrapriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni adottat b'Deċiżjoni tal-Bord ta' Tmexxija tagħha fit-22 ta' Ottubru 2007.

<sup>(9)</sup> L-Artikolu 33 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2003 tad-19 ta' Novembru 2002 (ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72).

<sup>(10)</sup> L-Artikolu 38 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2343/2002.

<sup>(11)</sup> Ir-regoli dwar il-preżentazzjoni tal-kontijiet u tal-kontabilità mill-korpi tal-UE huma stabbiliti fil-kapitolu 1 tat-Titolu VII tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2343/2002 kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 652/2008 tad-9 ta' Lulju 2008 (ĠU L 181, 10.7.2008, p. 23) u huma fil-fatt integrati fir-Regolament Finanzjarju tal-Intrapriża Konġunta għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni.

9. Il-Qorti wettqet il-verifika tagħha skont l-Istandards Internazzjonali tal-Verifika u l-Kodiċi tal-Etika tal-IFAC u l-ISSAI<sup>(12)</sup>. Dawk l-istandards jitolbu li l-Qorti tikkonforma mar-rekwiżiti tal-etika u li tippjana u twestaq il-verifika biex tikseb assigurazzjoni raġonevoli dwar jekk il-kontijiet humiex ħielsa minn dikjarazzjoni żbaljata materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet ta' bażi humiex legali u regolari.

10. Il-verifika tal-Qorti tinvolvi t-tweqqif ta' proċeduri sabiex tinkiseb evidenza tal-verifika dwar l-ammonti u t-tagħrif fil-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li huma bbażati fuqhom. Il-proċeduri magħżula jiddependu fuq l-ewalwazzjoni tagħha tal-verifika u inkluża l-ewalwazzjoni tar-riskju ta' dikjarazzjoni żbaljata materjali fil-kontijiet jew ta' tranżazzjonijiet illegali jew irregolari, kemm jekk minħabba frodi jew inkella żball. Meta tagħmel dawk l-ewalwazzjonijiet tar-riskju, il-kontroll intern rilevanti għall-preparazzjoni u l-preżentazzjoni tal-kontijiet tal-entità jiġi kkunsidrat sabiex jiffasslu proċeduri tal-verifika li huma xierqa fiċ-ċirkostanzi. Il-verifika tal-Qorti tinkludi wkoll ewalwazzjoni tal-adeqgatezza tal-politika tal-kontabilità użata, tar-raġonevolezza tal-estimi tal-kontabilità magħmula mill-maniġment u kif ukoll ewalwazzjoni tal-preżentazzjoni tal-kontijiet inġenerali.

11. Il-Qorti tqis li l-evidenza tal-verifika miksuba hija biżżejjed u xierqa biex tippovdi bażi għall-opinjoni ta' hawn taħt.

#### **L-opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet**

12. Fl-opinjoni tal-Qorti, il-Kontijiet Annwali tal-Intrapriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2009 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha u tal-likwidità tagħha għas-sena li ntemmet, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tagħha.

#### **L-opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet**

13. Fl-opinjoni tal-Qorti, it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali tal-Intrapriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2009, fl-aspetti materjali kollha huma legali u regolari.

14. Il-kummenti segwenti ma jixħtux dubju fuq l-opinjoni tal-Qorti.

#### **KUMMENTI DWAR IL-ĠESTJONI TAL-BAĠIT U DIK FINANZJARJA**

##### **L-implimentazzjoni tal-baġit**

15. Il-baġit finali tal-pagamenti awtorizzati għall-Intrapriża Konġunta għall-2009 ammonta għal EUR 173,6 miljun. Ir-rata ġenerali ta' utilizzazzjoni għall-appropriazzjonijiet tal-pagament kienet ta' 65,3 %. Fi ħdan din, ir-rata ta' nefqa operazzjo-

nali kienet ta' 65,5 % u għan-nefqa amministrattiva kienet 64,2 %. Fl-aħħar tal-2009, l-Intrapriża Konġunta kellha depożiti bankarji ta' EUR 42 miljun. L-infiq inqas, għandu x'jaqşam l-aktar ma' dewmien fil-progress tal-programm tal-fużjoni tal-Euratom, hekk kif kien innutat ukoll mill-Qorti fl-2008.

#### **Preżentazzjoni tal-kontijiet: il-kontribuzzjonijiet mill-membri**

16. Il-Qorti tinnotta li l-attivitajiet tal-Intrapriża Konġunta tal-UE huma ffinanzjati b'kontribuzzjonijiet mill-membri tagħhom, u li l-Intrapriża Konġunta fil-fatt m'għandhom ebda kapital. Il-Qorti rrakkomandat li din il-karatteristika speċifika tal-Intrapriża Konġunta tiġi ppreżentata b'mod ċar fil-kontijiet.

17. Għall-kuntrarju tal-Intrapriża Konġunta l-oħrajn tal-UE, l-Intrapriża Konġunta għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni huma kompletament iffinanzjati mill-pubbliku. Għalhekk id-dispożizzjonijiet ġenerali tar-Regola 1 tal-Kontabilità tal-UE (Kontabilità tal-Gruppi) dwar il-preżentazzjoni tal-kontribuzzjonijiet mill-membri taħt l-Attivi Netti fil-Karta tal-Bilanċ ma japplikawx għall-Intrapriża Konġunta għall-ITER, fejn il-kontribuzzjonijiet mill-membri huma ppreżentati taħt id-Dħul Operattiv fil-Kont tar-Riżultat Ekonomiku.

18. Filwaqt li dan it-trattament fil-kontabilità huwa aċċettabbli għall-Intrapriża Konġunta għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni, il-Qorti tikkunsidra li, b'mod ġenerali, il-Kontijiet għall-Intrapriża Konġunta għandhom jiġu armonizzati safejn huwa possibbli u tinnotta l-intenzjoni tal-Kummissjoni li toħroġ gwida dettaljata dwar dan għall-Intrapriża Konġunta.

#### **KWISTJONIJET OĦRAJN**

##### **Is-sistemi ta' kontroll intern**

19. Filwaqt li tirrikonoxxi li l-Intrapriża Konġunta kienet fil-fażi tal-bidu fl-2008, il-Qorti osservat fir-Rapport preċedenti tagħha li l-Intrapriża Konġunta kienet għadha ma implimentatx is-sistema ta' kontrolli interni u ta' informazzjoni finanzjarja għal kollox.

20. Għalkemm l-Intrapriża Konġunta matul l-2009 ħadet azzjoni biex tiżviluppa standards ta' kontroll intern, xorta waħda fl-aħħar tal-2009, attivitajiet prinċipali tal-organizzazzjoni ma kinux formalizzati b'mod suffiċenti. Għodda xierqa għall-ġestjoni ta' kuntratti operazzjoni ma kinix ġiet stabbilita. L-implimentazzjoni u r-rappurtar tal-baġit huwa bbażat fuq l-użu ta' spreadsheets. M'hemm ebda database biex l-informazzjoni operazzjonali, amministrattiva u finanzjarja tiġi ċentralizzata.

21. F'April 2009, l-istruttura dipartimentali tal-Intrapriża Konġunta kienet organizzata mill-ġdid. Fl-istruttura riveduta, il-funzjonijiet tal-baġit u tal-kontabilità tpoġġew taħt ir-responsabbiltà tad-Dipartiment tal-Akkwisti, li jqajjem kwistjonijiet dwar jekk id-dmirijiet għall-attivitajiet finanzjarji u operazzjonali humiex separati kif support (ara wkoll il-paragrafu 31).

<sup>(12)</sup> Il-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti (IFAC) u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Verifika (ISSAI).

22. Hekk kif diġa osservat fl-2008, il-proċessi ta' negozju ta' bażi għadhom ma għew validati mill-Uffiċjal tal-Kontabilità kif meħtieġ mir-Regolament Finanzjarju tal-Intrapriża Konġunta.

23. L-Intrapriża Konġunta stabbiliet servizz ta' verifika interna f'Lulju 2009. Iżda, l-valutazzjoni tas-sistemi tal-manigement u tal-effiċjenza tas-sistemi interni ta' kontroll meħtieġa mir-Regolament Finanzjarju tal-Intrapriża Konġunta għadha ma saritx. Din il-valutazzjoni hija importanti speċjalment minħabba l-organizzazzjoni mill-ġdid interna magħmula mill-Intrapriża Konġunta fl-2009.

24. Il-Qorti ttestjat kampjun ta' 31 tranżazzjoni. F'żewġ każijiet, l-Intrapriża Konġunta għamlet impenji baġitarji biss wara li kienet diġa daħlet għal obbligi legali, kuntrarju għall-ħtiġijiet tar-Regolament Finanzjarju u f'żewġ każijiet oħra, id-dokumenti ta' sostenn kienu insuffiċjenti biex il-proċeduri ta' validazzjoni mwettqa qabel ma jsiru l-pagamenti jiġu awtentikati.

25. Għal pagament ta' għotja vverifikat ta' EUR 584 000, il-Qorti sabet li l-uffiċjal li awtorizza l-pagament kellu biss awtorità delegata biex jawtorizza l-pagamenti ta' għotja li ma kinux jammontaw għal aktar minn EUR 200 000. Għal pagament ivverifikat ta' aktar minn EUR 10 miljun fir-rigward ta' xogħlijiet fuq il-preparazzjoni tas-sit, il-Qorti sabet evidenza biss ta' kontrolli formali mill-Intrapriża Konġunta, li ma kinux suffiċjenti biex jagħtu assigurazzjoni prinċipalment fir-rigward tal-ħtiġijiet finanzjarji tal-ftehim tal-għotja u tal-eliġibbiltà tal-ispejjeż.

#### **Ħlas tard tal-kontribuzzjonijiet tas-sħubija**

26. Fl-2008, il-Qorti osservat li numru ta' membri tal-Intrapriża Konġunta ma ħallsux il-kontribuzzjonijiet tas-sħubija tagħhom fi żmien l-iskadenza stabbilita mill-Bord tat-Tmexxija.

27. Għall-2009, id-data ta' għeluq għall-membri biex iħallsu l-kontribuzzjonijiet annwali tagħhom kienet il-31 ta' Mejju 2009. Minkejja diversi tfakkiriet mibgħuta mill-Intrapriża Konġunta, fl-aħħar tas-sena żewġ membri kienu għadhom ma ħallsux il-kontribuzzjonijiet tas-sħubija tagħhom għall-2009.

#### **Ir-Regolament Finanzjarju tal-Intrapriża Konġunta**

28. Il-Qorti identifikat għadd ta' kwistjonijiet fl-2008 li minħabba fihom hija tikkunsidra li jinħtieġu emendi fir-Regolament Finanzjarju tal-Intrapriża Konġunta sabiex jissaħħaħ il-qafas finanzjarju tagħha <sup>(13)</sup>. Fl-aħħar tal-2009, kienu għadhom ma għew introdotti ebda emendi fir-Regolament Finanzjarju.

#### **Ir-rwol tas-Servizz ta' Verifika Interna tal-Kummissjoni**

29. Il-Qorti, fl-Opinjoni Nru 4/2008 tagħha nnutat li r-Regolament Finanzjarju tal-Intrapriża Konġunta ma jirreferix għall-poteri tal-awditur intern tal-Kummissjoni biex iwettaq verifiki tal-Intrapriża Konġunta.

30. Il-Qorti tteni li, skont ir-Regolament Finanzjarju Qafas, bħala regola ġenerali, l-awditur intern tal-Kummissjoni għandu poteri fir-rigward tal-korpi tal-UE, inklużi l-Intrapriżi Konġunti, li huma l-istess bħal daww fir-rigward tad-dipartimenti tal-Kummissjoni.

#### **L-istatus tal-proġett ITER**

31. F'Mejju 2010, il-Kummissjoni ħarġet Komunikazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-Istatus tal-proġett ITER <sup>(14)</sup>. Il-Kummissjoni tikkonkludi li ż-żidiet sostanzjali finnefqa għall-ITER jeħtieġu revizzjoni tat-tmexxija tal-Intrapriża Konġunta, inklużi l-politiki tal-akkwist tagħha, u l-istabbiliment ta' qafas finanzjarju sostenibbli. B'mod partikolari, il-Kummissjoni tqis li huma meħtieġa madwar EUR 1,4 biljun biex jiġu ssodisfati ż-żidiet fl-ispejjeż fil-kontribuzzjoni tal-Euratom lill-ITER fl-2012 u fl-2013.

32. Filwaqt li l-Kunsill ikkonferma s-sostenn tiegħu għall-proġett tal-ITER waqt il-laqgħat tiegħu f'Novembru 2009 u Lulju 2010, f'Settembru 2010 kemm il-Kunsill u kif ukoll il-Parlament Ewropew kienu għadhom iridu jagħtu l-kunsens tagħhom dwar il-finanzjament addizzjonali meħtieġ fl-2012 u fl-2013 għall-kontribuzzjoni tal-Euratom lill-proġett tal-ITER.

33. Il-Qorti tinnota li dawn l-iżviluppi jistgħu jaffettwaw l-attivitajiet u l-baġit tal-Intrapriża Konġunta b'mod sinifikanti.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla II, immexxija mis-Sur Morten LEVYSOHN, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu, fil-laqgħa tagħha tal-20 ta' Ottubru 2010.

*Għall-Qorti tal-Awdituri*

Vitor Manuel da SILVA CALDEIRA

*President*

<sup>(13)</sup> L-Opinjoni Nru 4/2008 dwar ir-Regolament Finanzjarju tal-Intrapriża Konġunta Ewropea tal-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni (Fużjoni għall-Enerġija) u l-paragrafi 21 sa 23 tar-Rapport tal-Qorti dwar il-kontijiet annwali fl-Intrapriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2008 (ĠU C 310, 18.12.2009, p. 1).

<sup>(14)</sup> Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill: l-istatus tal-ITER u t-triq 'il quddiem possibbli (SEC(2010) 571 tal-4 ta' Mejju 2010).

## L-Intrapriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni (Barcellona)

Oqsma ta' kompetenza tal-Unjoni stipulati fit-Trattat	Kompetenzi tal-Intrapriża Konġunta kif definiti fid-Deċizzjoni tal-Kunsill 2007/198/Euratom		Tmexxija	Riżorsi disponibbli għall-Intrapriża Konġunta fl-2009	Kisbiet prinċipali għall-2009
<b>Il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika</b>	<b>Objettivi</b>	<b>Kompiti</b>	<b>1 — Il-Bord ta' Tmexxija</b>	<b>Baġit finali għall-2009</b>	<b>ITER u Ftehimiet Internazzjonali b'Approċċ Usa'</b>
<p>Il-Kapitolu 5 dwar "Intrapriża Konġunta", tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u partikolarment</p>	<p>— Tipprovdi l-kontribuzzjoni tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom) lill-Organizzazzjoni Internazzjonali ITER għall-Enerġija mill-Fużjoni;</p>	<p>— Tissorvelja t-tnejn tas-sitt tal-proġett tal-ITER;</p> <p>— tagħti komponenti, tagħmir, materjali u riżorsi oħrajn lill-Organizzazzjoni ITER;</p>	<p>Il-Bord ta' Tmexxija għandu jkun responsabbli mis-sorveljanza tal-Intrapriża Konġunta fit-tweġiq tal-objettivi tagħha u jiżgura kollaborazzjoni mill-qrib bejn l-Intrapriża Konġunta u l-Membri tagħha fl-implimentazzjoni tal-attivitajiet tagħha.</p>	<p>EUR 173,61 miljun li minnhom 80,6 % kienu ffinanzjati mill-Kontribuzzjoni tal-Unjoni.</p>	<p>— Kompiti Operazzjonali: 47 mogħtija għal valur totali ta' EUR 142,5 miljun (51 varati)</p>
<p>L-Artikolu 45: Intrapriża li huma ta' importanza fundamentali għall-iżvilupp tal-industrija nukleari fil-Komunità jistgħu jitwaqqfu bħala Intrapriża Konġunta fi ħdan it-tifsira ta' dan it-Trattat, skont l-Artikoli li ġejjin.</p>	<p>— Tipprovdi l-kontribuzzjoni tal-Euratom lill-Attivitajiet ta' Approċċ aktar Wiesa' mal-Ġappun għall-ħolqien rapidu tal-enerġija mill-fużjoni;</p>	<p>— iġġesti arranġamenti għall-akkwist rigward l-Organizzazzjoni ITER u, b'mod partikolari, proċeduri ta' assigurazzjoni tal-kwalità assoċjati;</p>	<p><b>2 — Il-Kumitat Eżekuttiv</b></p> <p>Il-Kumitat Eżekuttiv għandu jgħin lill-Bord ta' Tmexxija fit-tnejn tad-deċizzjonijiet tiegħu u għandu jwettaq kull komputu ieħor li l-Bord ta' Tmexxija jista' jiddelegalu.</p>	<p>(EUR 149.8 miljun għall-2008)</p>	<p>— Arranġamenti ta' Akkwist: 8 ffirmati għall-Proġett ITER (ekwivalenti għal EUR 400 miljun), 3 ffirmati għal Proġetti b'Approċċ Usa' (ekwivalenti għal EUR 19-il miljun)</p>
<p>L-Artikolu 49: Intrapriża Konġunta għandhom jitwaqqfu b'deċizzjoni tal-Kunsill. Kull Intrapriża Konġunta għandha jkollha l-personalità legali tagħha.</p>	<p>— Tipprepara u tikkordina programm ta' attivitajiet bi preparazzjoni għall-kostruzzjoni ta' reattur dimostrattiv li jaħdem bil-fużjoni u l-faċilitajiet relatati inkluża l-Faċilità Internazzjonali ta' irradjazzjoni tal-materjali permezz tal-fużjoni (IFMIF).</p>	<p>— tħejji u tikkordina sehem il-Euratom fl-isfruttament xjentifiku u tekniku tal-proġett ITER;</p>	<p><b>3 — Il-Bord ta' Programmi Xjentifiċi</b></p> <p>Il-Bord ta' Programmi Xjentifiċi għandu jagħti pariri lill-Bord ta' Tmexxija u lid-Direttur, kif meħtieġ, dwar l-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-pjan tal-proġett u l-programmi tax-xogħol.</p>	<p><b>Persunal fil-31 ta' Diċembru 2009</b></p>	<p>— Kreditu ITER mogħti lil F4E: 2,92 kUA (ekwivalenti għal EUR 4,4 miljun)</p>
		<p>— tikkordina riċerka xjentifika u teknoloġika u attivitajiet tal-iżvilupp bħala sostenn tal-kontribuzzjoni tal-Euratom għall-Organizzazzjoni ITER;</p>	<p><b>4 — Id-Direttur</b></p>	<p>— 199 kariga fil-pjan ta' stabbiliment li minnhom 147 kienu mimlija fil-31.12.2009 (153 inklużi offerti ta' impjieg magħmula u aċċettati, li minnhom 40 kienu permanenti u 113 kienu temporarji).</p>	<p>— Għotjiet: 30 mogħtija għal valur totali ta' EUR 15,9 miljun (30 varati)</p>
		<p>— tagħti l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Euratom lill-Organizzazzjoni ITER;</p>	<p><b>5 — Verifika esterna</b></p> <p>Il-Qorti tal-Awdituri.</p>	<p>— 66 kariga oħra (kuntrattwali, esperti nazzjonali ssekondati)</p>	<p>— Kuntratti Amministrattivi: 5 mogħtija għal valur totali ta' EUR 6 miljun (7 varati)</p>
		<p>— tagħmel arranġamenti sabiex iriżorsi umani jkunu disponibbli għall-Organizzazzjoni ITER;</p>	<p><b>6 — Verifika interna</b></p> <p>Stabbilita mill-1 ta' Lulju 2009.</p>	<p>— Għadd totali ta' persunal: 213 (219 inklużi offerti ta' impjieg magħmula u aċċettati)</p>	<p>— Implimentazzjoni tal-Baġit: 98,9 % f'approprjazzjonijiet tal-impjenji, 65,3 % f'approprjazzjonijiet tal-pagament</p>
		<p>— twettaq interface mal-Organizzazzjoni ITER kif ukoll kull attività oħra skont il-Ftehim tal-ITER.</p>	<p><b>7 — Awtorità ta' Kwittanza</b></p> <p>Il-Parlament fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsill.</p>		<p>— L-iżvilupp tal-Organizzazzjoni: 58 Uffiċjal F4E jew Aġenti Temporari rreklutati kif ukoll 34 Aġent bil-Kuntratt</p>
					<p>— Verifika Interna u funzjonijiet tal-Protezzjoni tad-Data stabbiliti</p>
					<p>— Kumitati: 4 laqgħat tal-Bord ta' Tmexxija, 7 laqgħat tal-Kumitat Eżekuttiv u 3 laqgħat tal-Panel tal-Konsultazzjoni Teknika.</p>

Sors: Informazzjoni mibgħuta mill-Intrapriża Konġunta.

## IR-RISPOSTI TAL-IMPRIŻA KONĠUNTA

### Implimentazzjoni tal-baġit

#### Paragrafu 15

L-F4E taqbel mal-kummenti tal-Qorti. Qiegħed jiġi implimentat profil imtejjeb tal-ħlas għall-2010 b'rapportar iktar rigoruż u mekkaniżmi ta' kontroll għat-tweqqif tal-baġit għall-ispiża operattiva.

### Preżentazzjoni tal-kontijiet: il-kontribuzzjonijiet tal-membri

#### Paragrafi 16-18

L-F4E taqbel mal-osservazzjonijiet tal-Qorti li huma dikjarazzjonijiet marbuta ma' Impriża Konġunti b'mod ġenerali u jindirizzaw l-intenzjoni tal-Kummissjoni li toħroġ gwida dettaljata dwar il-preżentazzjoni tal-kontribuzzjoni tal-membri fil-kontijiet annwali.

### Sistemi interni ta' kontroll

#### Paragrafu 19

L-F4E taqbel mal-kummenti tal-Qorti u tenfasizza li r-rinfurzar tal-ambjent ta' kontroll tal-organizzazzjoni jibqa' wieħed mil-prijoritajiet ewlenin tagħha. Madankollu, wieħed irid jifhem li l-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ta' kontrolli interni f'organizzazzjoni żaġġżuġha u li qiegħda tikber b'rata mgħaġġla teħtieġ ħin u riżorsi sostanzjali, b'mod partikolari meta l-organizzazzjoni qed tfittex l-aktar arranġamenti ta' tmexxija adatti għaliha.

Matul l-2009 u l-2010, inkiseb progress sostanzjali fl-iżvilupp tal-qafas ta' kontroll mhux finanzjarju, partikolarment fir-rigward ta':

- deskrizzjonijiet tax-Xogħol,
- valuri etiċi u organizzattivi,
- evalwazzjoni u Żvilupp tal-Persunal,
- proċessi u Proċeduri,
- kontinwità tan-Negożju,
- ġestjoni ta' Dokumenti,
- verifiki Interni.

#### Paragrafu 20

L-F4E taqbel mal-kummenti tal-Qorti u bħalissa qiegħda timplimenta għodda ta' ġestjoni tal-kuntratti. L-F4E qiegħda tiżviluppa wkoll għodod sistematiċi ta' bbaġitjar li jkopru l-preparazzjoni/implimentazzjoni tal-baġit (bil-produzzjoni ta' *scoreboard* awtomatiku) u rapportar dwar dejta ta' baġit u riżorsi.

#### Paragrafi 21 u 23

Wara li l-ewwel xhur tal-funzjoni tal-Verifiki Interni kienu ddedikati għal attivitajiet ta' konsulenza u bini tal-kapaċità, l-ewwel ħidma ta' verifika, dwar iċ-Ċirkuwiti Finanzjarji, bdiet f'Novembru 2009 u għalqet f'Mejju 2010. Il-Pjan Annwali tal-Verifika għall-2009/2010 kien adottat mid-Direttur u ġie approvat mill-Bord Governattiv fis-27 ta' Jannar 2010.

f'dak li jirrigwarda l-kontrolli finanzjarji, il-verifika interna dwar iċ-ċirkuwiti finanzjarji tal-F4E diġà tindirizza għadd ta' kwistjonijiet ġenerali relatati mal-ġestjoni finanzjarja sa mir-riorganizzazzjoni li saret f'April 2009. It-tassib imqajjem mill-Qorti kien soġġett għal valutazzjoni fid-dawl ta' din il-verifika interna. F'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Awditur Intern, kien stabbilit pjan ta' azzjoni li, fost l-oħrajn, għandu l-għan li jiżgura s-separazzjoni tar-responsabbiltajiet li hija meħtieġa għall-attivitajiet finanzjarji u operattivi. L-implimentazzjoni ta' dan il-pjan ta' azzjoni bdiet f'Awgust 2010 u għall-partijiet ewlenin għandha tkun lesta sa tmiem is-sena.

#### *Paragrafu 22*

L-F4E taqbel mal-kummenti tal-Qorti. Is-sistemi tal-kontabbiltà ma ġewx invalidati formalment mill-Uffiċjal għall-Kontabbiltà minħabba li wħud mill-proċessi sottostanti għadhom ma ġewx ifformalizzati.

#### *Paragrafu 24*

Minħabba limitazzjonijiet baġitarji, l-F4E ma kinitx f'pożizzjoni li timpenja l-ammont totali li jirriżulta minn ftehim li ntlaħaq bejn l-atturi prinċipali tal-proġett ITER. Sa tmiem l-2010, l-F4E għandha tkun tista' timpenja l-ammont totali tal-kontribuzzjoni ta' Organizzazzjoni Internazzjonali, bħala riżultat tad-Deċiżjoni tal-Kunsill ITER li għandha tittieħed f'Novembru u ta' emenda oħra tal-baġit tal-F4E għall-2010.

#### *Paragrafu 25*

Fir-rigward tal-għotja li ġiet ivverifikata, l-F4E taqbel mal-kummenti tal-Qorti. Is-sitwazzjoni issa ġiet rimedjata b'limitu singolu, oġġla definit fid-delegazzjoni mogħtija lill-Uffiċjal li Jawtorizza b'Delegazzjoni.

Fir-rigward tal-ħlas ivverifikat relatat ma' xogħlijiet ta' preparazzjoni tas-sit, l-F4E taqbel mal-kummenti tal-Qorti. B'mod ġenerali, l-F4E qiegħda tippjana li tanalizza u li tirrifletti fuq il-proċeduri interni li, fost l-oħrajn, sejrjn jippermettu li jtejbu l-kontroll ex ante intern.

### **Ħlas tard tal-kontribuzzjonijiet tas-šhubija**

#### *Paragrafi 26-27*

L-F4E taqbel mal-kummenti tal-Qorti. Is-sitwazzjoni tjebet fl-2010 minħabba aktar antiċipazzjoni u miżuri ta' prevenzjoni. Għall-2011 l-F4E sejra tkompli ssaħħaħ it-twissija bikrija tagħha billi tibgħat stimi tal-kontribuzzjoni ta' kull membru għall-2011. Il-Membri diġà rċevew l-informazzjoni f'April 2010 għall-kontribuzzjonijiet tagħhom għall-2011 u sejrjn jirċievu nota formali bil-konferma tal-ammont finali wara l-adozzjoni tal-baġit 2011 mill-Bord ta' Tmexxija f'Novembru 2010.

### **Regolament Finanzjarju tal-Impriża Konġunta**

#### *Paragrafu 28*

L-F4E taqbel mal-kummenti tal-Qorti. L-F4E kkunsidrat li approċċ tajjeb u effiċjenti kien li tinkiseb esperjenza ta' ftit snin dwar l-implimentazzjoni attwali ta' dawn ir-regoli qabel ma tkun proposta reviżjoni possibbli tar-Regolament Finanzjarju. Din ir-reviżjoni għandha tkun konsistenti wkoll mal-proposta possibbli għar-reviżjoni tal-Istatuti tal-F4E (wara approvazzjoni tal-Bord ta' Tmexxija) u diskussjonijiet sussegwenti mal-Kunsill. Twaqqaf grupp ta' ħidma intern u għandha tiġi sottomessa proposta għal reviżjoni tar-Regolament Finanzjarju tal-F4E għall-adozzjoni qabel tmiem l-2010.

### **Ir-rwol tas-Servizz tal-Verifika Intern tal-Kummissjoni**

#### *Paragrafi 29-30*

Huwa mistenni li r-reviżjoni tal-Istatuti tal-F4E sejra tikjarifika l-applikabbiltà tar-Regolament Finanzjarju ta' Qafas fir-rigward tal-Verifika Interna tal-Impriża Konġunta. Minkejja din il-kjarifika, il-proposta li r-Regolament Finanzjarju tal-F4E ikun emendat, li qiegħda titħejja bħalissa, diġà sejra tqis ir-rimarka tal-Qorti u d-dispożizzjonijiet eżistenti li jagħtu s-setgħa lill-Awditur Intern tal-Kummissjoni biex jivverifika lill-korpi tal-UE.

**Status tal-Proġett ITER***Paragrafi 31-33*

L-F4E tixtieq tenfasizza li, filwaqt li l-informazzjoni hija korretta, din tirrappreżenta l-istatus tad-diskussjonijiet f'Settembru 2010, wara l-pubblikazzjoni mill-Kummissjoni ta' proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 dwar id-dixxiplina baġitjarja u l-amministrazzjoni finanzjarja fis-sod fir-rigward tal-qafas finanzjarju multiannwali, biex tindirizza ħtiġijiet ta' finanzjament addizzjonali tal-proġett ITER (COM (2010)/403 tal-20 ta' Lulju 2010).

---

**RAPPORT**

**dwar il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta SESAR għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2009, flimkien mar-risposti tal-Impriża Konġunta**

(2010/C 342/05)

**WERREJ**

	<i>Paragrafu</i>	<i>Paġna</i>
INTRODUZZJONI .....	1-5	31
ID-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI .....	6-15	31
KUMMENTI DWAR IL-ĠESTJONI TAL-BAĠĠIT U DIK FINANZJARJA .....	16-22	32
KWISTJONIJET OĦRAJN .....	23-32	32
Tabella .....		34
<b>Ir-risposti tal-Impriża Konġunta .....</b>		<b>37</b>



**INTRODUZZJONI**

1. L-Impriża Konġunta SESAR, li tinsab fi Brussell, twaqqfet fi Frar 2007 <sup>(1)</sup> sabiex iġġesti l-attivitajiet tal-proġett SESAR (Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru tas-Sema Uniku Ewropew).

2. Il-proġett SESAR jimmira li jimmodernizza l-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru (ATM) fl-Ewropa u huwa maqsum fi tliet fażijiet:

a) Il-“Fażi ta’ definizzjoni” bdiet fl-2005 u tmexxiet mill-Organizzazzjoni Ewropea għas-Sigurtà tan-Navigazzjoni bl-Ajru (Eurocontrol), b’kofinanzjament mill-baġit tal-UE permezz tal-programm tan-Netwerk tat-Trasport Trans Ewropew. Ir-riżultat huwa l-Pjan Regolatorju tal-ATM Ewropew, li jiddefinixxi l-pjanijiet għall-kontenut, għall-iżvilupp u għat-twaqqif tal-ġenerazzjoni ta’ sistemi ATM li tmiss.

b) Il-“Fażi ta’ żvilupp” (2008-2013) ġestita mill-Impriża Konġunta SESAR (ara wkoll it-Tabella) u li twassal għall-produzzjoni ta’ sistemi teknoloġiċi, komponenti u proċeduri operazzjonali ġodda definiti fil-Pjan Regolatorju tal-ATM Ewropew.

c) Il-“Fażi ta’ twaqqif” (2014-2020) li għandha titmexxa mill-industrija u mill-partijiet interessati, għall-produzzjoni u l-implimentazzjoni fuq skala kbira tal-infrastruttura tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru l-ġdida.

3. L-Impriża Konġunta hija mfassla bħala sħubija pubblika-privata. Il-membri fondaturi huma l-Unjoni Ewropea rappreżentata mill-Kummissjoni Ewropea, u l-Eurocontrol rappreżentata mill-Aġenzija tagħha. Wara sejħa għall-espressjonijiet ta’ interess, ħmistax-il intrapriża pubblika u privata mill-industrija tan-navigazzjoni tal-ajru saru membri tal-Impriża Konġunta. Dawn jinkludu fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru, l-industrija tal-manifattura tal-art u tal-ajruspazju, manifatturi tal-ajruplani, awtoritajiet tal-ajruport u manifatturi ta’ tagħmir għal operazzjonijiet tal-ajru.

4. Il-baġit għall-fażi ta’ żvilupp tal-proġett SESAR huwa ta’ EUR 2,1 biljun, li jrid jingħata fpartijiet ugwali mill-UE, mill-Eurocontrol u mill-imsieħba pubbliċi u privati parteċipanti. Il-kontribuzzjoni tal-UE hija ffinanzjata mis-Seba’ Programm ta’ Qafas għar-Riċerka u mill-programm tan-Netwerk tat-Trasport Trans Ewropew. Madwar 90 % tal-finanzjament mill-Eurocontrol u mill-partijiet interessati l-oħrajn se jieħu l-għamla ta’ kontribuzzjonijiet mhux finanzjarji.

5. L-Impriża Konġunta SESAR bdiet taħdem b’mod awtonomu fl-10 ta’ Awwissu 2007.

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 219/2007 tas-27 ta’ Frar 2007 dwar it-twaqqif ta’ Impriża Konġunta biex tiżviluppa s-sistema l-ġdida ta’ ġestjoni tat-traffiku tal-ajru Ewropew (SESAR) (ĠU L 64, 2.3.2007, p. 1) emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1361/2008 tas- 16 ta’ Diċembru 2008 (ĠU L 352, 31.12.2008, p. 12).

**ID-DIKJARAZZJONI TA’ ASSIGURAZZJONI**

6. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Qorti vverifikat il-kontijiet annwali <sup>(2)</sup> tal-Impriża Konġunta SESAR, li jikkonsistu fir-“rendikonti finanzjarji” <sup>(3)</sup> u fir-“rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit” <sup>(4)</sup> għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta’ Diċembru 2009 u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet.

7. Din id-Dikjarazzjoni ta’ Assigurazzjoni hija indirizzata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, skont l-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 <sup>(5)</sup>

**Ir-responsabbiltà tad-Direttur**

8. Bħala uffiċjal li jawtorizza, id-Direttur jimplementa ddhul u l-infiq tal-baġit skont ir-regoli finanzjarji tal-Impriża Konġunta <sup>(6)</sup> li taqa’ taħt ir-responsabbiltà tiegħu u fi ħdan il-limiti tal-approprijazzjonijiet awtorizzati. <sup>(7)</sup> Id-Direttur huwa responsabbli mit-twaqqif <sup>(8)</sup> tal-istruttura organizzattiva u s-sistemi u l-proċeduri tal-ġestjoni u l-kontroll interni rilevanti biex jiġu ppreparati kontijiet finali <sup>(9)</sup> li huma ħielsa minn dikjarazzjoni żbaljata materjali, kemm jekk minħabba frodi jew inkella żball, u biex jiżgura li t-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet huma legali u regolari.

**Ir-responsabbiltà tal-Qorti**

9. Ir-responsabbiltà tal-Qorti hija li tipprovdi, abbażi tal-verifika tagħha, dikjarazzjoni ta’ assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li huma bbażati fuqhom.

<sup>(2)</sup> Dawn il-kontijiet huma akkumpanjati minn rapport dwar il-ġestjoni tal-baġit u dik finanzjarja matul is-sena li, fost l-oħrajn, jagħti rendikont tar-rata ta’ implimentazzjoni tal-approprijazzjonijiet flimkien ma’ informazzjoni fil-qosor dwar it-trasferimenti tal-approprijazzjonijiet fost il-partiti varji tal-baġit.

<sup>(3)</sup> Ir-rendikonti finanzjarji jinkludu l-karta tal-bilanċ u l-kont tar-riżultat ekonomiku, it-tabella tal-likwidità, ir-rendikont tat-tibdil fil-kapital u l-anness għar-rendikonti finanzjarji li jinkludi d-deskrizzjoni tal-politika tal-kontabilità prinċipali u informazzjoni oħra ta’ spjegazzjoni.

<sup>(4)</sup> Ir-rapporti tal-implimentazzjoni tal-baġit jikkonsistu fil-kont tar-riżultat tal-baġit u fl-anness tiegħu.

<sup>(5)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

<sup>(6)</sup> Ir-Regolament Finanzjarju tas-SESAR adottat mill-Bord Amministrattiv fit-28 ta’ Lulju 2009.

<sup>(7)</sup> L-Artikolu 33 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad- 19 ta’ Novembru 2002 (ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72).

<sup>(8)</sup> L-Artikolu 38 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2343/2002.

<sup>(9)</sup> Ir-regoli dwar il-preżentazzjoni tal-kontijiet u tal-kontabilità mill-Aġenziji huma stabbiliti fil-kapitolu 1 tat-Titolu VII tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2343/2002 kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 652/2008 tad- 9 ta’ Lulju 2008 (ĠU L 181, 10.7.2008, p. 23) u huma fil-fatt integrati fir-Regoli Finanzjarji tal-Impriża Konġunta SESAR.

10. Il-Qorti wettqet il-verifika tagħha skont l-Istandards Internazzjonali tal-Verifika u l-Kodiċi tal-Etika tal-IFAC u l-ISSAI<sup>(10)</sup>. Dawk l-istandards jitolbu li l-Qorti tikkonforma mar-rekwiżiti tal-etika u li tippjana u twestaq il-verifika biex tikseb assigurazzjoni raġonevoli dwar jekk il-kontijiet humiex ħielsa minn dikjarazzjoni żbaljata materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet ta' bażi humiex legali u regolari.

11. Il-verifika tal-Qorti tinvolvi t-tweqqif ta' proċeduri sabiex tinkiseb evidenza tal-verifika dwar l-ammonti u t-tagħrif fil-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li huma bbażati fuqhom. Il-proċeduri magħżula jiddependu fuq l-evalwazzjoni tagħha tal-verifika, inkluża l-evalwazzjoni ta-riskju ta' dikjarazzjoni żbaljata materjali fil-kontijiet jew ta' tranżazzjonijiet illegali jew irregolari, kemm jekk minħabba frodi jew inkella żball. Meta tagħmel dawk l-evalwazzjonijiet tar-riskju, il-kontroll intern rilevanti għall-preparazzjoni u l-preżentazzjoni tal-kontijiet tal-entità jiġi kkunsidrat sabiex jifasslu proċeduri tal-verifika li huma xierqa fiċ-ċirkostanzi. Il-verifika tal-Qorti tinkludi wkoll evalwazzjoni tal-adeqwatezza tal-politika tal-kontabilità użata, tar-raġonevolezza tal-estimi tal-kontabilità magħmula mill-maniġment u kif ukoll evalwazzjoni tal-preżentazzjoni tal-kontijiet inġenerali.

12. Il-Qorti tqis li l-evidenza tal-verifika miksuba hija biżżejjed u xierqa biex tipprovdni bażi għall-opinjoni ta' t'hawn taħt.

#### **L-opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet**

13. Fl-opinjoni tal-Qorti, il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta SESAR jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil- 31 ta' Diċembru 2009 u r-risultati tal-operazzjonijiet tagħha u tal-likwidità tagħha għas-sena li ntemmet, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tagħha.

#### **L-opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet**

14. Fl-opinjoni tal-Qorti, it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta SESAR għas-sena finanzjarja li ntemmet fil- 31 ta' Diċembru 2009, fl-aspetti materjali kollha huma legali u regolari.

15. Il-kummenti li ġejjin ma jixthux dubju fuq l-opinjoni tal-Qorti.

### **KUMMENTI DWAR IL-ĠESTJONI TAL-BAĠIT U DIK FINANZJARJA**

#### **L-implimentazzjoni tal-baġit**

16. Il-baġit finali għall-2009 adottat mill-Bord Amministrattiv kien jinkludi approprijazzjonijiet tal-impjenji ta' EUR

325 miljun u approprijazzjonijiet tal-pagamenti ta' EUR 157 miljun. Ir-rati ta' utilizzazzjoni tal-approprijazzjonijiet tal-impjenji u tal-pagamenti kienu 97,1 % u 43,2 % rispettivament.

17. Fl-2009, il-kontribuzzjonijiet mill-membri (EUR 38,8 miljun) flimkien mar-risultat tas-sena ta' qabel (EUR 115,6 miljun) ammontaw għal EUR 154,4 miljun, kontra pagamenti ta' EUR 67,9 miljun u riport ta' approprijazzjonijiet ta' EUR 2,5 miljun. Dan wassal għal riżultat tal-baġit pożittiv ta' EUR 84 miljun u depożiti fil-kontijiet tal-bank fi tmiem is-sena li jammontaw għal EUR 86,8 miljun. Dan imur kontra l-prinċipju baġitarju tal-ekwilibriju.

18. Skont l-Artikolu 51 tar-Regoli Finanzjarji tal-Impriża Konġunta SESAR, il-fondi mħallsa lill-Impriża Konġunta mill-Kummissjoni permezz tas-sussidju jrendu l-imgħax għall-benefiċċju tal-baġit ġenerali tal-UE. Fi tmiem l-2009, l-Impriża Konġunta ma kinitx irċeviet talba għat-trasferiment tal-imgħax ta' EUR 1,7 miljun dovuti fil-perjodu 2007 sal-2009.

#### **Il-preżentazzjoni tal-kontijiet: il-kontribuzzjonijiet tal-membri**

19. Il-Qorti tinnotta li l-attivitatijiet tal-Impriża Konġunta tal-UE huma ffinanzjati minn kontribuzzjonijiet mill-membri tagħhom, u li l-Impriża Konġunta fil-fatt m'għandhom ebda kapital. Il-Qorti rrakkomandat li fil-kontijiet jingħata tagħrif ċar dwar din il-karatteristika speċifika tal-Impriża Konġunta.

20. Għalhekk il-Qorti tilqa' l-fatt li, skont ir-Regola tal-Kontabilità 1 tal-UE (Kontabilità tal-Grupp), il-kontribuzzjonijiet mill-membri huma ppreżentati taħt Attivi Netti fil-Karti tal-Bilanċ tal-Impriża Konġunta, u li fin-Noti tal-Kontijiet tingħata aktar informazzjoni dwar in-natura tal-kontribuzzjonijiet.

21. Din hija bidla fil-politika tal-kontabilità applikata mill-Impriża Konġunta SESAR fil-kontijiet tal-2008, fejn il-kontribuzzjonijiet tal-membri ġew rikonoxxuti bħala dħul fil-Kont tar-Risultat Ekonomiku. Iċ-ċifri rilevanti huma ddikjarati mill-ġdid fil-kontijiet tal-2008 sabiex ikun jista' jsir tqabbil mal-kontijiet tal-2009.

22. Il-Qorti tqis li l-preżentazzjoni tal-kontribuzzjonijiet tal-membri fil-Kontijiet tal-Impriża Konġunta għandhom ikunu armonizzati kemm jista' jkun u tinnotta l-intenzjoni tal-Kummissjoni li toħroġ gwida fid-dettall lill-Impriża Konġunta f'dan ir-riġward.

#### **KWISTJONIJET OĦRAJN**

##### **Is-sistemi ta' kontroll intern**

23. Filwaqt li tagħraf li l-Impriża Konġunta kienet fil-fażi tal-bidu fl-2008, il-Qorti osservat fir-Rapport preċedenti tagħha li l-Impriża Konġunta ma kinitx implimentat għal kollox is-sistema ta' kontrolli interni u ta' informazzjoni finanzjarja.

<sup>(10)</sup> Il-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti (IFAC) u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Verifika (ISSAI).

24. Għalkemm ittieħdu passi importanti matul l-2009<sup>(11)</sup>, jibqa' l-fatt li fi tmiem l- 2009, attivitajiet prinċipali tal-organizzazzjoni mhumiex formalizzati biżżejjed u li għodda integrata għall-ġestjoni tal-informazzjoni finanzjarja, tal-baġit u tat-tħaddim ma kinitx stabbilita. Bħalma diġà kien osservat fl-2008, il-proċessi tan-negozju ta' bażi għadhom ma ġewx validati mill-Uffiċjal tal-Kontabilità kif meħtieġ mir-Regolament Finanzjarju tal-Impriża Konġunta.

25. L-ittestjar mill-Qorti ta' kampjun ta' 36 tranżazzjoni identifika bosta każijiet fejn il-kontrolli interni ma kinux ħadmu sew. Pereżempju, f'każ wieħed l-Impriża Konġunta kkonkludiet kuntratt għal servizzi ta' tindif għal valur annwali ta' EUR 19 572, mingħajr ma segwiet il-proċedura negozjata stabbilita fir-Regolament Finanzjarju Ġenerali u fir-Regolament Finanzjarju tas-SESAR. Għal kuntratt ieħor li ammonta għal EUR 922 000 għal għajnuna fit-tħejjija ta' ftehimiet ta' sħubija, il-Qorti kienet kapaċi tikseb evidenza li s-servizzi kienu twettqu, iżda ma setgħetx tingħata dikjarazzjoni formali tas-servigi mogħtija kif meħtieġ mir-Regoli Finanzjarji.

26. Skont l-Artikolu 25 tar-Regoli Finanzjarji ta' SESAR, l-approprijazzjonijiet tal-baġit għandhom jintużaw skont il-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba. Il-kuntratt għal spazju u faċilitajiet għall-uffiċċju, iffirmat fis- 6 ta' Settembru 2007 għal perjodu ta' disa' snin, kien jinkludi l-possibbiltà ta' tmiem bikri mingħajr multa fl-aħħar ta' kull perjodu ta' tliet snin. Madankollu l-Impriża Konġunta ċċaqalqet għal ġo uffiċċji oħra fl-2009 u kellha tħallas EUR 380 235 għal 12-il xahar ieħor f'kera u pagamenti għall-uffiċċji tagħha li tbaħtlu.

#### **Ir-Rikonoxximent tal-Attiv**

27. Rigward ir-riżultati tal-programm SESAR, l-Impriża Konġunta se tkun sidt l-attiv tanġibbli u intanġibbli kollu li hija toħloq jew li huwa ttrasferit lilha għall-fażi ta' żvilupp tal-proġett SESAR skont ftehimiet speċifiċi mal-membri tagħha<sup>(12)</sup>

28. Bħalma ġie indikat fl-Anness għar-Rendikonti Finanzjarji, f'dan l-istadju l-Impriża Konġunta SESAR ma tistax tassar l-attivazzjoni ta' attiv li jista' joħroġ mir-riżultati tal-attivitajiet. Il-Qorti tinnota li fi tmiem l-2009 ma kien għad hemm l-ebda sistema ta' informazzjoni tal-ġestjoni integrata stabbilita biex

tippermetti l-allokazzjoni tal-ispejjeż lil pakketti ta' kompiti speċifiċi jew biex tidentifika l-għajn tal-finanzjament tal-ispejjeż operazzjonali. Din hija bżonjuża biex tiżgura l-evalwazzjoni tajba tal-ispejjeż tal-attivitajiet u l-attivazzjoni tal-attiv meta din tinħtieġ.

#### **Ir-Regolament Finanzjarju tal-Impriża Konġunta**

29. Ir-Regoli Finanzjarji tal-Impriża Konġunta fil-bidu kienu adottati mill-Bord Amministrattiv f'Lulju 2007. Fl-2008, il-Qorti<sup>(13)</sup> osservat li r-Regoli Finanzjarji tal-Impriża Konġunta għandhom ikunu emendati biex ikunu konformi mar-Regolament Finanzjarju strutturali għall-korpi tal-UE. Wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1361/2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 219/2007, li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta SESAR, il-Bord Amministrattiv adotta r-Regoli Finanzjarji kurrenti fit- 28 ta' Lulju 2009, u b'hekk tħassru r-Regoli Finanzjarji adottati f'Lulju 2007.

30. Il-Qorti ħarġet l-Opinjoni tagħha Nru 2/2010 dwar ir-Regoli Finanzjarji l-ġodda tal-Impriża Konġunta SESAR fil-15 ta' April 2010. Il-Qorti għamlet għadd ta' rakkomandazzjonijiet, rigward eċċezzjonijiet għal prinċipji tal-baġit, l-irwol tas-Servizz ta' Verifika Interna tal-Kummissjoni u d-dispożizzjonijiet dwar is-sħubija tal-Impriża Konġunta SESAR u l-kofinanzjament ta' attivitajiet.

#### **Il-Funzjoni ta' Verifika Interna u s-Servizz ta' Verifika Interna tal-Kummissjoni**

31. Kif esprimiet fl-Opinjoni tagħha Nru 2/2010 dwar ir-Regoli Finanzjarji tal-Impriża Konġunta SESAR u Nru 4/2008 dwar ir-Regolament Finanzjarju tal-Impriża Konġunta Fużjoni għall-Enerġija, il-Qorti tqis li d-dispożizzjoni kurrenti fl-Istatuti tal-Impriża Konġunta dwar l-irwol tal-awditur intern tal-Kummissjoni għandha tkun iċċarata.

32. L-Artikolu 7a tal-Istatuti tal-Impriża Konġunta SESAR jiddikjara li l-funzjonijiet tal-awditur intern tal-Kummissjoni għandhom jitwettqu taħt ir-responsabbiltà tal-Bord Amministrattiv tal-Impriża Konġunta. Fl-opinjoni tal-Qorti, arranġament bħal dan jixraq lill-funzjoni ta' verifika interna fi ħdan l-Impriża Konġunta iżda mhux lill-awditur intern tal-Kummissjoni, li r-responsabbiltajiet tiegħu għandhom x'jaqsmu mal-baġit ġenerali tal-UE kollu kemm hu.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla II, immexxja mis-Sur Morten LEVYSOHN, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu, fil-laqgħa tagħha tal-20 ta' Ottubru 2010.

*Għall-Qorti tal-Awdituri*

Vitor Manuel da SILVA CALDEIRA

*President*

<sup>(11)</sup> Li jinkludu d-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Kunsill Nru 1361/2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 219/2007 u l-adozzjoni ta' Regoli Finanzjarji ġodda tal-Impriża Konġunta SESAR fit-28 ta' Lulju 2009.

<sup>(12)</sup> L-Artikolu 18 tal-Istatuti.

<sup>(13)</sup> Ir-Rapport dwar il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta SESAR għas-sena finanzjarja li ntemmet fil- 31 ta' Diċembru 2008 (ĠU C 310, 18.12.2009, p. 9).

## L-Impriża Konġunta SESAR (Brussell)

Oqsma ta' kompetenza tal-Unjoni stipulati fit-Trattat	Kompetenzi tal-Impriża Konġunta kif definiti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 219/2007 kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1361/2008		Tmexxija	Riżorsi disponibbli għall-Impriża Konġunta fl-2009	Prodotti u servizzi prinċipali mogħtija fl-2009
<p><b>Il-politika tat-trasport komuni</b></p> <p>1. Id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu għandhom japplikaw għat-trasport bil-ferrovija, fit-triq, u bil-passaġġi fuq l-ilma interni.</p> <p>2. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva [leġislattiva] ordinarja, jistgħu jstabbilixxu d-dispożizzjonijiet xierqa għan-navigazzjoni marittima u tal-ajru. Huma għandhom jaġixxu wara konsultazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u tar-Reġjuni.'</p> <p>(L-Artikolu 100 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea)</p> <p><b>Ir-Riċerka u l-Iżvilupp Teknoloġiku</b></p> <p>L-Unjoni tista' toħloq impriża komuni [konġunti] jew kull struttura oħra neċessarja għall-esekuzzjoni [eżekuzzjoni] effiċjenti tal-programmi tar-riċerka ta' iżvilupp teknoloġiku u ta' dimonstrazzjoni tal-Unjoni.</p> <p>(L-Artikolu 187 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea)</p>	<p><b>Objettivi</b></p> <p>— tiżgura l-immodernizzar tas-sistema ta' ġestjoni tat-traffiku tal-ajru Ewropew billi tikkoordina u tikkonċentra l-isforzi tar-riċerka u tal-iżvilupp kollha tagħha fl-Unjoni;</p> <p>— twettaq il-Pjan Regulatorju tal-ATM.</p>	<p><b>Kompiti</b></p> <p>— tmexxi l-attivitajiet ta' riċerka, iżvilupp u validazzjoni tal-proġett SESAR billi tikkombina l-finanzjament mis-settur pubbliku u privat provdut mill-membri tagħha u billi tuża riżorsi tekniċi esterni u b'mod partikolari billi tuża l-esperjenza u l-ħila tal-EUROCONTROL.</p> <p>B'mod partikolari:</p> <p>— torganizza u tikkkoordina l-attivitajiet tal-fażi ta' iżvilupp tal-proġett SESAR, skont il-Pjan Regulatorju tal-ATM, li jirriżultaw mill-fażi ta' definizzjoni tal-proġett amministrat mill-Eurocontrol, billi tikkombina u ġġesti taħt struttura unika l-finanzjament tas-settur pubbliku u ta' dak privat,</p> <p>— tiżgura l-finanzjament meħtieġ għall-attivitajiet tal-fażi ta' iżvilupp tal-proġett SESAR skont il-Pjan Regulatorju tal-ATM,</p>	<p><b>1 — Il-Bord Amministrattiv</b></p> <p><i>Kompożizzjoni</i></p> <p>a) rappreżentant minn kull wieħed mill-membri tal-Impriża Konġunta;</p> <p>b) rappreżentant tal-militar;</p> <p>c) rappreżentant tal-utenti ċivili tal-ispazju tal-ajru;</p> <p>d) rappreżentant tal-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru, maħtur mill-organizzazzjoni rappreżentattiva tagħhom fil-livell Ewropew;</p> <p>e) rappreżentant tal-manifatturi ta' tagħmir, maħtur mill-organizzazzjoni rappreżentanta tagħhom fil-livell Ewropew;</p> <p>f) rappreżentant tal-ajruporti;</p> <p>g) rappreżentant mill-korpi li jirrapreżentaw lill-persunal fis-settur tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru, maħtur mill-organizzazzjoni rappreżentanta tagħhom fil-livell Ewropew</p> <p>h) rappreżentant tal-istituzzjonijiet xjentifiċi rilevanti jew il-komunità xjentifika rilevanti, maħtur mill-organizzazzjoni rappreżentattiva tagħhom fil-livell Ewropew.</p> <p>Il-Bord Amministrattiv se jkun ippresedut mir-rappreżentant tal-Unjoni.</p> <p><i>Kompiti prinċipali</i></p> <p>a) jadotta l-Pjan Regulatorju tal-ATM approvat mill-Kunsill kif imsemmi fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament tas-SESAR u japprova kwalunkwe proposta għall-modifika tiegħu;</p>	<p><b>Baġit</b></p> <p>EUR 325,1 miljun Kontribuzzjoni tal-Unjoni 16,9 %.</p> <p><b>Persunal fil-31 ta' Diċembru 2009</b></p> <p>Karigi fil-pjan ta' stabbiliment tal-persunal: 39</p> <p>Karigi okkupati: 18</p> <p>Karigi oħrajn (kuntratti awżiljarji, esperti nazzjonali ssekondati, persunal lokali): 8</p> <p>Għadd totali ta' persunal: 26</p> <p>Persunal issekondat mill-membri tal-Impriża Konġunta bħala parti mill-kontribuzzjoni mhux finanzjarja tagħhom: 4</p> <p><i>assenjati d-doveri li għejjin:</i></p> <p>— Kompiti operazzjonali: 22</p> <p>— Kompiti amministrattivi u ta' sostenn: 16</p> <p>— Kompiti mħallta: 1</p>	<p>Kisbiet ewlenin fl-2009:</p> <p>— il-proċess ta' Sħubija kien konkluż fis-26 ta' Marzu 2009 bid-deċizzjoni tal-Bord Amministrattiv biex is-Sħubija tingħata lill-15-il kandidat magħżul minn qabel flimkien mal-għoti tal-attivitajiet inklużi fl-ambitu tal-IBAFO 1. Qabel (fit-23 ta' Marzu 2009), il-Kummissjoni Ewropea kienet irċeviet il-pożizzjoni tal-Istati Membri tal-UE, wara proċedura ta' komitoloġija hekk kif provdut skont l-Artikolu 5.4 tar-Regolament tal-Impriża Konġunta SESAR (KE) 219/2007;</p> <p>— peress li meta ġie varat l-IBAFO 1 ma kienx possibbli biex il-Pakketti ta' Kompiti jiġu kollha inklużi, fost l-oħrajn minħabba li l-Kunsill kellu jagħti l-approvazzjoni finali tiegħu tal-kontribuzzjoni tal-Eurocontrol lill-Impriża Konġunta SESAR, IBAFO ġdid kien varat fl-Lulju 2009. Il-proċess ta' għażla twettaq fl-Novembru u d-Direttur Eżekuttiv ippreżenta r-rakkomandazzjoni tiegħu dwar l-għoti tal-attivitajiet lill-Bord Amministrattiv tal-SJU, li approvah, fil-laqgħa tiegħu tal-14 ta' Diċembru 2009;</p> <p>— bit-tlestija tal-proċess ta' Sħubija kif ipplanat fl-2009 u l-proċess tal-għoti tal-attivitajiet tal-Programm, il-Programm SESAR qiegħed jaħdem b'mod sħiħ;</p>

Oqsma ta' kompetenza tal-Unjoni stipulati fit-Trattat	Kompetenzi tal-Impriża Konġunta kif definiti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 219/2007 kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1361/2008	Tmexxija	Riżorsi disponibbli għall-Impriża Konġunta fl-2009	Prodotti u servizzi prinċipali mogħtija fl-2009
	<p>— tiżgura l-involviment tal-partijiet interessati tas-settur tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru fl-Ewropa, b'mod partikolari: il-fornituri ta' servizzi ta' navigazzjoni bl-ajru, l-utenti tal-ispazji tal-ajru, l-assoċjazzjonijiet professjonali tal-persunal, l-ajruporti, u l-industrija tal-manifattura; kif ukoll l-istituzzjonijiet xjentifiċi rilevanti jew il-komunità xjentifika rilevanti,</p> <p>— torganizza l-ħidma teknika ta' riċerka u żvilupp, ta' validazzjoni u studju, li għandha titwettaq taħt l-awtorità tagħha waqt li tiġi evitata l-frammentazzjoni ta' tali attivitajiet,</p> <p>— tiżgura s-sorveljanza ta' attivitajiet relatati mal-iżvilupp ta' prodotti komuni debitament identifikati fil-Pjan Regolatorju tal-ATM u jekk ikun meħtieġ, torganizza sejħiet speċifiċi għall-offerti.</p>	<p>b) jagħti linji gwida u jieħu d-deċiżjonijiet meħtieġa, għall-implimentazzjoni tal-fażi ta' żvilupp tal-proġett Sesar u jeżerċita kontroll ġenerali fuq l-implimentazzjoni tiegħu;</p> <p>c) japprova l-programm ta' xogħol u l-programmi ta' xogħol annwali tal-Impriża Konġunta kif ukoll il-baġit annwali, inkluż il-pjan ta' stabbiliment tal-persunal.</p> <p>d) jawtorizza negozjati u jiddeċiedi dwar l-adeżjoni ta' membri ġodda u dwar il-ftehimiet relatati;</p> <p>e) jissorvelja l-eżekuzzjoni tal-ftehimiet bejn il-membri u l-Impriża Konġunta;</p> <p>f) jaħtar u jneħħi d-Direttur Eżekuttiv u japprova l-organigramma u jissorvelja l-pres-tazzjoni tad-Direttur Eżekuttiv;</p> <p>g) jiddeċiedi dwar l-ammonti u l-proċeduri għall-pagament ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-membri u l-evalwazzjoni ta' kontribuzzjonijiet mhux finanzjarji;</p> <p>h) jadotta r-regoli finanzjarji tal-Impriża Konġunta;</p> <p>i) japprova l-kontijiet annwali u l-karta tal-bilanċ;</p> <p>j) jadotta r-rapport annwali dwar il-progress tal-fażi ta' żvilupp tal-proġett Sesar u s-sitwazzjoni finanzjarja tiegħu;</p> <p>k) jiddeċiedi dwar proposti lill-Kummissjoni dwar l-estensjoni u x-xoljiment tal-Impriża Konġunta;</p>		<p>— skont il-miri stabbiliti fl-AWP 2009, 69 % mill-proġetti nbdew sa tmiem l-2009. 126 proġett tal-R&amp;D kienu varati; 62 Rapport ta' Bidu kienu rċevuti mill-Impriża Konġunta SESAR sa tmiem is-sena. 32 Rapport ta' Bidu kienu analizzati, li minnhom 13-il proġett kienu awtorizzati mid-Direttur Eżekuttiv biex jibdwu l-eżekuzzjoni u 19 ġew meqjusa li ma jissodisfawx wieħed jew aktar mill-kriterji ta' aċċettazzjoni u ntabet verżjoni riveduta. 43 attività ta' ġestjoni kienu varati u, wara li jintbagħtu r-Rapporti ta' Bidu tal-Ġestjoni, se jkollhom l-awtorità jipproċedu għall-fażi ta' eżekuzzjoni fil-bidu tal-2010;</p> <p>— wara d-dħul fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2009 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 1361/2008 tas-16 ta' Diċembru 2008, l-Impriża Konġunta SESAR wettqet u lestiet it-tranżizzjoni għal Korp sħiħ tal-Unjoni Ewropea. B'riżultat ta' dan:</p> <p>a. persunal ġdid kien irreklutat skont ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej u l-Kondizzjonijiet tal-Impjeg ta' Ħaddiema oħra tal-Unjoni Ewropea" kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 31/2005 tal-20 ta' Diċembru 2004 (minn hawn 'il quddiem ir-"Regolamenti tal-Persunal");</p> <p>b. it-13-il Membru tal-persunal impjegati fil-bidu tal-2009 kellhom joqogħdu għal proċess ta' għażla interna skont l-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 1361/2008 u kienu rreklutati bħala Aġenti Temporarji skont ir-Regolamenti tal-Persunal;</p>

Oqsma ta' kompetenza tal-Unjoni stipulati fit-Trattat	Kompetenzi tal-Impriża Konġunta kif definiti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 219/2007 kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1361/2008	Tmexxija	Riżorsi disponibbli għall-Impriża Konġunta fl-2009	Prodotti u servizzi prinċipali mogħtija fl-2009
			<p>l) jistabbilixxi proċeduri għall-għoti ta' drittijiet ta' aċċess għal attiv tanġibbli u intanġibbli li huma l-proprjetà tal-Impriża Konġunta u t-trasferiment ta' tali attiv;</p> <p>m) jistabbilixxi r-regoli u l-proċeduri għall-għoti tal-kuntratti meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Pjan Regolatorju tal- ATM, inklużi l-proċeduri speċifiċi għal kunflitti ta' interessi;</p> <p>n) jiddeċiedi dwar proposti lill-Kummissjoni għall-emenda tal-Istatuti;</p> <p>o) jeżerċita setgħat oħrajn ta' din ix-xorta u jwettaq funzjonijiet oħrajn ta' din ix-xorta, inkluż l-istabbiliment ta' korpi sussidjarji, kif jista' jinħtieġ għall-iskopijiet tal-fażi ta' żvilupp tal-proġett Sesar;</p> <p>p) jadotta l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 8 dwar l-issekondar ta' persunal lill-Impriża Konġunta.</p> <p><b>2 — Id-Direttur Eżekuttiv</b> Maħtur mill-Bord Amministrattiv fuq proposta mill-Kummissjoni.</p> <p><b>3 — Verifika esterna</b> Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.</p> <p><b>4 — Awtorità ta' Kwittanza</b> Il-Parlament Ewropew fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsill.</p>	<p>c. fl-aħħar ta' April 2009, l-Impriża Konġunta SESAR kienet f'pożizzjoni li tirrekluta Aġenti Kuntrattwali;</p> <p>d. fit-30 ta' Marzu 2009, skont l-Artikolu 2b tar-Regolamenti tal-Impriża Konġunta SESAR, l-Impriża Konġunta SESAR iffirmat Ftehim Amministrattiv mal-Gvern Belġjan li jimplimenta d-dispożizzjonijiet tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej. Bħala konsegwenza tal-applikazzjoni tal-Protokoll, l-Impriża Konġunta SESAR ġiet iddikjarata bħala eżentata mill-VAT u bdiet il-proċess biex tirkupra l-VAT imħallsa bejn is-16 ta' Ottubru 2008 sad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim Amministrattiv, u t-taxxi fuq l-imgħax prodott fl-istess perjodu. Sa tmiem l-2009, il-VAT (EUR 0,4 miljun) kienet irkuprata u msarrfa filwaqt li t-taxxi fuq l-imgħax se jissarrfu matul l-2010;</p> <p>e. fit-28 ta' Lulju 2009, il-Bord Amministrattiv adotta r-Regoli Finanzjarji l-ġodda tal-Impriża Konġunta SESAR skont l-Artikolu 4a tar-Regolament tal-Impriża Konġunta SESAR, wara li rċieva l-kunsens minn qabel tal-Kummissjoni Ewropea. Ir-Regoli Finanzjarji tal-Impriża Konġunta SESAR għandhom jirċievu opinjoni tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri fl-2010.</p> <p>L-2009 kienet sena kritika għall-Impriża Konġunta SESAR li, minn banda waħda, kellha tgħaddi minn proċess ta' ristrutturar kompletament ġdid u, minn band'oħra, tibda l-attivitajiet b'mod operazzjonali billi tvara l-proġetti, pakketti ta' kompiti u ta' sottokompiti filwaqt li l-proċess ta' Sħubija kien għadu qiegħed jiġi finalizzat.</p>

Sors: Informazzjoni ppreżentata mill-Impriża Konġunta.

**IR-RISPOSTI TAL-IMPRIŻA KONĠUNTA***Paragrafu 17*

L-Impriża Konġunta SESAR (SJU) hija responsabbli mill-fażi ta' żvilupp tal-Programm SESAR li hu mistenni li jidm sal-2016. Il-programm beda fl-2009. Il-programm huwa multiannwali u tul iż-żmien ser ikun ikkaratterizzat minn żbilanċ mistenni bejn id-dħul u l-infiq, b'mod partikolari fis-snin inizjali.

*Paragrafu 24*

L-SJU tiddependi mis-servizzi tal-Kummissjoni Ewropea għall-implimentazzjoni tas-sistemi finanzjarji tagħha, l-ABAC u s-SAP, li ma setgħux ikunu implimentati mill-KE fl-SJU sa Mejju 2010. Is-sistema tal-programm operattiv tal-SJU ilha effettiva mill-aħħar tal-2009.

*Paragrafu 25*

Il-kuntratt għal EUR 19 572 gje stabbilit u ffirmat mill-Amministratur Temporanju tal-SJU fl-2007, fi żmien meta fl-SJU ma kien hemm la persunal u lanqas organizzazzjoni interna. L-SJU fl-2009 nediet proċedura korretta ta' akkwist biex tissotwixxi l-kuntratt.

L-SJU tirrikonoxxi s-sejbiet tal-Qorti li kellu jkun kapaċi jsib evidenza aħjar bħala sostenn għall-ħlas ta' EUR 922 000 u diġà assigurat li stqarrijiet formali ta' servizzi li toffri huma disponibbli. Madanakollu, il-kuntratt inkluda attivitajiet ta' appoġġ u parir legali professjonali biex ikun iċċarġjet abbażi ta' żmien; dawn l-attivitajiet saru fuq bażi kontinwa jekk mhux ta' kuljum, f'perjodu dens ħafna ta' attività għall-SJU (tlestija ta' negozjati mal-membri) u kienu monitorjati kontinwament mill-SJU. Ir-riżultati tal-kuntratt, bħall-abbozz tas-sħubija u l-ftehimiet qafas multilaterali, ħadmu fuqhom il-persunal tal-SJU u l-kuntratturi ta' appoġġ f'kooperazzjoni kontinwa u mill-qrib, b'mod partikolari permezz ta' skambji multipli ta' dokumenti bl-email.

*Paragrafu 26*

L-SJU wirtet il-kuntratt tal-kiri għall-binjiet li kellha tal-Impriża Konġunta Galileo tal-2007 li malajr instab li ma kinux adattati għall-bżonnijiet tagħha, kif maqbul mill-Bord Amministrattiv fl-2008. L-SJU, għaldaqstant, kellha tibbilanċja r-riskju tad-dewmien tal-programm mibdi mal-ispiża taċ-ċaqliq tal-binjiet xierqa. L-SJU nneozjat il-kuntratt għall-binjiet il-ġodda fi ħdan il-baġit riservat għal-kiri mingħajr il-ħtieġa ta' talba għal riżorsi addizzjonali mill-Bord Amministrattiv.

*Paragrafu 28*

L-SJU tirrikonoxxi t-tħassib tal-Qorti iżda tibqa' kunfidenti li se tkun kapaċi tidentifika s-sors ta' fondi u l-ispejjeż neċessarji sabiex tattiva l-assi fuq valur propju meta meħtieġ.

*Paragrafu 30*

L-SJU qiegħda tieħu l-passi meħtieġa flimkien mas-servizzi tal-Kummissjoni Ewropea sabiex timplimenta r-rakkomandazzjonijiet imsemmija fl-Opinjoni tal-Qorti Nru 2/2010.

*Paragrafu 31*

L-SJU ser tikkonsidra l-importanza li temenda l-istatut tagħha billi tikkonsidra l-opinjoni tas-servizzi tal-KE.

---











## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2010 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	1 100 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali	22 lingwa uffiċjali tal-UE	1 200 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	770 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa uffiċjali tal-UE	400 EUR fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE	300 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	50 EUR fis-sena

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jstipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jaġhti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-formati tas-CD-Rom se jinbidlu bil-formati tad-DVD matul l-2010.

### Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

[http://publications.europa.eu/others/agents/index\\_mt.htm](http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm)

EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>

